

Il-Faċilitazzjoni tal-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim kontra l-COVID-19 fl-UE/ŻEE

15 ta' Ottubru 2020

Messaġġi ewlenin

- Programm ta' tilqim kontra l-COVID-19 b'suċċess jista' jinbena biss fuq fehim ta', u rispons xieraq għat-twemmin, it-tħassib u l-aspettattivi tal-individwi u tal-komunitajiet fir-rigward tal-vaċċini u tal-marda. Il-mudell tal-"5Cs" - Fiduċja, Limitazzjonijiet, Kompjaċenza, Kalkoku, u Responsabilità Kollettiva — jista' jintuża bħala qafas għall-fehim ta' dan it-tħassib u għat-tfassil ta' strateġiji biex tiġi ffaċilitata l-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim kontra l-COVID-19.
- Jekk jittieħed il-mudell tal-5Cs bħala bażi, il-motivaturi ta' aċċettazzjoni u ta' teħid baxxi tat-tilqim jistgħu jiġu dijanjostikati permezz tal-analiżi ta' *data* trasversali, fuq livell ta' popolazzjoni. L-Uffiċċju Reġjonali tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa għall-Ewropa żviluppa għodda ta' sħarriġ dwar tagħrif dwar l-imġiba relatata mal-COVID-19 li tista' tintuża għal dan l-iskop. Il-kollaborazzjoni mas-soċjetà ċivili tista' toffri wkoll il-possibbiltà li tintuża *d-data* operattiva - kwantitattiva u/jew kwalitattiva - li tkun tista' tipprovi għarfien dwar it-twemmin, it-tħassib u l-aspettattivi tal-individwi u tal-komunitajiet fuq it-tilqim.
- L-isforzi ta' tilqim f'ħafna pajjiżi bħalissa qeġndin jiffukaw fuq l-ilħuq ta' gruppi ta' persuni mhux imlaqqma minn gruppi ta' età akbar u dawk f'popolazzjonijiet soċjalment vulnerabbli, filwaqt li jiġi ffaċilitat ukoll it-teħid fost gruppi ta' età iżgħar (inklużi tfal u adolexxenti li huma eliġibbli għat-tilqim). Il-ħaddiema fil-kura tas-saħħa għandhom rwol ewlieni x'jaqdu f'din il-ħidma. L-isfidi speċifiċi li jiltaqgħu magħhom kull wieħed minn dawn il-gruppi fl-aċċettazzjoni, l-aċċess (u, għall-ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa, l-iffaċilitar) tat-tilqim, għandhom jinftiehem u jiġu indirizzati kif xieraq.
- Dan id-dokument jippreżenta eżempji ta' xi wħud mill-miżuri li qed jiġu implimentati mill-pajjiżi biex tiżdied l-aċċettazzjoni u t-teħid tal-vaċċin, skont il-motivaturi identifikati f'kuntest partikolari. Jista' jkun li jkollhom bżonn jiġu adattati fil-livell subnazjonali jew lokali — m'hemmx approċċ "wieħed tajjeb għal kulħadd". Il-fatturi ewlenin jistgħu jinbidlu wkoll maż-żmien, li jfisser li d-dijanjożi jista' jkollha tiġi ripetuta fuq bażi regolari.
- Ħafna mill-interventi riveduti għal dan ir-rapport iffokaw fuq l-għoti ta' servizzi aċċessibbli, ħafna drabi marbuta ma' strateġiji ta' komunikazzjoni tar-riskji involuti. Xi pajjiżi għażlu wkoll miżuri bbażati fuq inċentivi u sanzjonijiet. Ġew identifikati inqas strateġiji li għandhom l-għan li tiżdied il-fiduċja fis-sistema tal-kura tas-saħħa u li jaħdmu mal-komunitajiet.
- L-istabbiliment tal-effettività ta' intervent sabiex jiffaċilita l-aċċettazzjoni u t-teħid tal-vaċċini huwa sfida metodoloġika. Għandhom jistgħu jitwettqu valutazzjonijiet tajbin ta' dawn l-interventi, bl-użu ta' *data* kwantitattiva u kwalitattiva, għalkemm is-sejbiet mill-valutazzjonijiet tal-proċess ġeneralment ikunu aktar faċli biex jiġu interpretati minn dawk mill-valutazzjonijiet tal-impatt.

Kamp ta' applikazzjoni u għan

Dan ir-rapport tekniku jippreżenta kunsiderazzjonijiet għall-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea/taż-Żona Ekonomika Ewropea (UE/ŻEE) meta ssir dijanjożi tal-ostakli għall-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim kontra l-COVID-19, u għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-interventi biex jiżdied it-teħid. Ir-rapport juża l-mudell "5C" biex jorganizza u jispjega l-kawżi varji ta' aċċettazzjoni baxxa u t-teħid baxx tat-tilqim, u biex jikkarakterizza interventi potenzjali. Il-kunċetti ewlenin inklużi fil-mudell tal-5Cs huma Fiduċja, Limitazzjonijiet, Kompjaċenza, Kalkoku, u Responsabilità Kollettiva. Minbarra d-diskussjoni dwar il-faċilitazzjoni tat-tilqim kontra l-COVID-19 għall-popolazzjoni ġenerali fi ħdan dan il-qafas, fir-rapport ġew inklużi wkoll gruppi speċifiċi tal-popolazzjoni, bħall-ħaddiema fil-kura tas-saħħa u gruppi vulnerabbli soċjoekonomikament. Peress li l-eliġibbiltà għat-tilqim gjet estiża għal tfal u adolexxenti f'bosta pajjiżi, il-ġenituri huma inklużi wkoll bħala grupp.

Ir-rapport jenfasizza l-importanza li jiġu dijanjostikati l-fatturi ewlenin tal-aċċettazzjoni u t-teħid tal-vaċċini f'popolazzjoni partikulari biex jiġi żgurat li jiġu implimentati interventi xierqa bi tweġiba. Dan jippreżenta wkoll eżempji ta' interventi li ġew implimentati fl-UE/ŻEE, li kwalunkwe wieħed minnhom jista' jiġi adattat għall-użu f'ambjenti oħrajn fejn ġew identifikati fatturi ewlenin simili ta' teħid baxx ta' tilqim. Fl-aħħar nett, ir-rapport jiddiskuti l-importanza tal-evalwazzjoni tal-interventi biex jiżdied it-teħid tal-vaċċini kontra l-COVID-19, kif ukoll xi wħud mill-isfidi assoċjati ma' valutazzjonijiet bħal dawn. Riżorsi għad-dijanjożi, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni li jistgħu jintużaw mill-pajjiżi tal-UE/ŻEE huma inklużi wkoll fir-rapport.

L-udjenza fil-mira

Dan id-dokument huwa maħsub għall-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali tas-saħħa pubblika, speċjalisti tal-komunikazzjoni tar-riskji, u dawk li jfasslu l-politiki fil-pajjiżi tal-UE/ŻEE.

Sfond

Fit-12 ta' Ottubru 2021, aktar minn 74 % tal-adulti kollha li kellhom 18 sena u aktar fl-UE/ŻEE rċevew tilqima sħiħa kontra l-COVID-19 [2]. Din hija kisba notevoli fl-ispazju ta' ftit xhur biss, iżda tħalli aktar minn kwart tal-adulti kollha mingħajr protezzjoni sħiħa. Barra minn hekk, għalkemm it-teħid globali tal-vaċċini kien impressjonanti fil-livell tal-UE/ŻEE, il-kopertura madwar l-UE/ŻEE hija ferm 'il bogħod milli uniformi, u tvarja minn 23.5 % għal dawk imlaqqma kompletament fil-Bulgarija għal 92 % imlaqqma kompletament fl-Irlanda [2]. Il-konsegwenzi tar-rati baxxi ta' tilqim f'ċerti pajjiżi bħalissa qed jiġu riflessi fis-sistemi tal-kura tas-saħħa b'tagħbija eċċessiva u fir-rati għoljin ta' mortalità [3]. Barra minn hekk, hemm gruppi ta' kopertura relattivament baxxa fost popolazzjonijiet partikolari f'xi Stati Membri [4], u din wasslet għall-instigazzjoni tat-tilqim mandatorju għal ċerti gruppi professjonali f'ċerti ambjenti [5].

Hemm firxa wiesgħa ta' raġunijiet għal dawn il-varjazzjonijiet fil-kopertura tat-tilqim kontra l-COVID-19, inklużi d-dinamiċi tal-provvista u l-provvista tas-servizz fis-sistemi tas-saħħa, kif ukoll fit-twemmin, l-attitudnijiet, u l-imġiba tan-nies. Il-kwistjonijiet sottostanti kollha jistgħu jikkombinaw biex joħolqu kundizzjonijiet fejn it-teħid tat-tilqim jkun aktar baxx milli mixtieq. Eżempji ta' dawn huma n-nuqqas ta' fiduċja fil-gvern; il-perċezzjoni tar-riskju tal-mard; avvenimenti storiċi, bħal allarmi dwar il-vaċċini; il-konvenjenza tat-tilqim; l-inċertezza dwar is-sikurezza u l-effettività tal-vaċċini, u deċizzjonijiet politiċi li qed jevolvu relatati mal-ġestjoni tal-pandemija.

Għalhekk l-għoti ta' aċċess ekwu u fil-ħin għall-vaċċini għal kulħadd fl-UE jeħtieġ aktar milli sempliċment jiġi żgurat il-forniment ta' vaċċini sikuri u effettivi u aċċess konvenjenti. Programm ta' tilqim b'suċċess jista' jiġi implimentat biss fuq fehim ta', u rispons xieraq għat-tħassib u l-aspettattivi tal-individwi u tal-komunitajiet rigward il-vaċċin flimkien mal-perċezzjonijiet u t-tħassib tagħhom dwar il-COVID-19 innifsu.

Il-mudell tal-5Cs

Il-mudell tal-5Cs huwa bbażat fuq ħames anteedenti li jistgħu jaffettwaw l-imġiba ta' individwu dwar it-tilqim: fiduċja, limitazzjonijiet, kompjaċenza, kalkoku, u responsabilità kollettiva. Huwa bbażat fuq u kumplimentari għal mudelli teoretiċi stabbiliti oħra ta' eżitazzjoni dwar u aċċettazzjoni tal-vaċċini [5-7] u jirrelata dawn il-mudelli ma' teoriji ta' tagħrif dwar l-imġiba li jistgħu jgħinu sabiex tiġi spjegata l-imġiba tas-saħħa [8]. Il-ħames elementi li jiffurmaw il-mudell tal-5Cs huma deskritti fil-qosor hawn taħt.

Il-Fiduċja hija relatata ma' diversi aspetti ta' fiduċja. Din tinkludi l-fiduċja fl-effikaċja u s-sikurezza tal-vaċċini. Barra minn hekk, hija relatata mal-fiduċja fis-sistema tas-saħħa li tipprovdi t-tilqim, inklużi l-professjonalità u l-kwalità tal-ħaddiema tas-saħħa li jamministrawha. Fl-aħħar nett, hija relatata mal-fiduċja f'dawk li jfasslu l-politiki li huma perċepiti bħala dawk li jieħdu d-deċizzjonijiet ġenerali dwar il-vaċċini u t-tilqim [9].

Il-Limitazzjonijiet għat-teħid tal-vaċċini jistgħu jinkludu d-disponibbiltà fiżika, l-affordabilità u r-rieda li wieħed iħallas, l-aċċessibilità ġeografika, il-kapaċità li wieħed jifhem (għarfien tal-lingwa u tas-saħħa), u l-appell tas-

servizzi ta' immunizzazzjoni [9]. Dan jimplika li l-limitazzjonijiet għat-tilqim jistgħu jkunu kemm strutturali kif ukoll psikoloġiċi.

II-Kompjaċenza hija relatata mal-perċezzjoni ta' riskju tal-marda mill-individwu. Jekk persuna jkollha perċezzjoni ta' riskju baxx tat-treddida kkawżata minn marda li tista' tiġi evitata b'vaċċin, jista' jkollha wkoll xewqa u intenzjoni baxxa li titlaqqam [10,11]. Hu għalhekk li dan l-antecedent hu relatat ma' marda speċifika, għalkemm fatturi individwali bħall-età, is-saħħa u r-responsabbiltajiet jistgħu jaffettwaw ukoll il-livelli ta' kompjaċenza. Il-kompjaċenza hija affettwata wkoll minn awtoeffikaċja perċepita ta' individwu, jew il-kapaċità perċepita tiegħu li jieħu azzjoni sabiex jitlaqqam.

II-Kalkolu jirreferi għal-limitu sa fejn xi ħadd ifittex informazzjoni dwar il-vaċċin u/jew dwar il-marda inkwistjoni, u mbagħad iwettaq l-analiżi individwali tiegħu tar-riskji u l-benefiċċji dwar jekk għandux jingħata t-tilqim jew le. Il-persuni li jinvolvu ruħhom f'livelli għolja ta' kalkolu jistgħu jkunu aktar avversi għar-riskju minn dawk li ma jagħmlux dan, għalhekk jistgħu jkunu anqas probabbli li jitlaqqmu minħabba d-disponibbiltà għolja ta' sorsi ta' kontra t-tilqim fuq l-Internet [12].

Ir-Responsabbiltà kollettiva tirreferi għar-rieda tan-nies biex jiproteġu lill-oħrajn billi jitlaqqmu, bħala parti mill-isforz kollettiv biex tinkiseb l-immunità kollettiva. Għandha tikkorrelata b'mod pożittiv mal-kollettiviżmu (għall-kuntrarju tal-individualizmu), l-orjentazzjoni komunalni u l-empatija, u b'hekk tagħti sinjalazzjoni tar-rieda ta' persuna li titlaqqam fl-interess ta' persuna oħra [9].

Dawn il-ħames anteċedenti jikkombinaw biex joħolqu stat psikoloġiku li jista' jwassal biex individwu jitlaqqam jew le. Madankollu, huwa importanti li jiġi nnotat li kull waħda minn dawn l-anteċedenti tista' tinbidel maż-żmien [13], u dan ifisser li persuna tista' tmur min-naħa għall-oħra fuq l-ispektrum bejn li ma tkunx trid titlaqqam u li tixtieq titlaqqam. Firxa ta' instigaturi u ostakli għat-tilqim jistgħu jinfluwenzaw il-moviment min-naħa għall-oħra ta' dan l-ispettru. Dan jista' jkun fuq livell individwali u tal-komunità (eż. it-twemmin fil-promozzjoni tas-saħħa, jew l-esperjenza tas-sistemi tas-saħħa u l-ħaddiema fil-kura tas-saħħa), f'kuntest nazzjonali jew reġjonali (eż. il-perċezzjoni tal-mexxejja, avvenimenti storiċi, messagġar u komunikazzjoni), jew relatati mal-vaċċin innifsu (eż. riskju perċepit meta mqabbel mal-benefiċċji, in-novità tal-vaċċin, l-iskeda, il-metodu ta' amministrazzjoni, eċċ.) [10].

Popolazzjonijiet ewlenin fil-mira għat-tilqim kontra l-COVID-19

Fil-pajjiżi kollha, għandhom isiru sforzi kontinwi biex jitlaqqam kull min huwa eliġibbli. Madankollu, f'pajjiżi b'kopertura baxxa ta' tilqim kontra l-COVID-19, tibqa' prijorità li jitlaqqmu l-adulti akbar fl-età u dawk b'kundizzjonijiet tas-saħħa sottostanti. F'pajjiżi fejn inkisbet kopertura ġenerali tajba ta' tilqim, għad hemm sottopopolazzjonijiet li fihom il-kopertura tibqa' aktar baxxa milli mixtieq. Innota li anki jekk dawn il-gruppi ewlenin jistgħu jiġu diskussi bħala entitajiet uniċi, huma ferm eteroġeni, fatt li jrid jiġi kkunsidrat meta jkunu qed jiġu mfassla strateġiji sabiex jiġu promossi l-aċċettazzjoni u t-teħid tal-vaċċin. Tnejn mill-popolazzjonijiet ewlenin fil-mira huma identifikati hawn taħt.

Popolazzjonijiet soċjalment vulnerabbli u dawk li diffiċli biex jintlaħqu: persuni minn minoritajiet etniċi emarġinati, migrantimhux dokumentati, persuni mingħajr dar, u dawk b'diżabilitajiet qegħdin isofru minn firxa ta' sfidi biex jitlaqqmu kontra l-COVID-19. L-oqsma ewlenin ta' tħassib għal dawn il-gruppi tal-popolazzjoni jistgħu jinkludu n-nuqqas ta' fiduċja ġenerali fl-awtoritajiet, l-ostakli tal-lingwa, l-isfidi ta' aċċess fiżiku għal siti ta' tilqim, u l-biża' ta' stigmatizzazzjoni [14,15]. Barra minn hekk, ħafna drabi dawn il-komunitajiet qegħdin f'riskju għoli ta' infezzjoni, minħabba kundizzjonijiet tal-għajxien iffullati u xi drabi inferjuri, li jfisser li l-ħtieġa tagħhom li jitlaqqmu hija partikolarment għolja. Minkejja dan ir-riskju għoli, id-*data* diżaggregata dwar il-migranti, l-istatus ta' minoranza etnika, eċċ. mhix disponibbli b'mod komuni, li jfisser li l-isfidi partikolari li jistgħu jiltaqqmu magħhom jibqgħu inviżibbli għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet [16].

Tfal u adolexxenti li huma eliġibbli għat-tilqim, u l-ġenituri. Għadd ta' pajjiżi tal-UE/ŻEE bdew joffru t-tilqim kontra l-COVID-19 lil tfal u adolexxenti li għandhom iktar minn 12-il sena [2]. Minkejja li aktar spiss jesperjenzaw mard ħafif biss, persuni f'dan il-grupp ta' età xorta waħda qegħdin fir-riskju li jiżviluppaw il-kundizzjoni ta' wara l-COVID-19, u jistgħu jaġixxu wkoll bħala riżerva għall-virus. It-tilqim tagħhom kontra l-COVID-19 iġib sett ta' sfidi partikolari ħafna, l-aktar minħabba l-fatt li minħabba li huma legalment dipendenti, il-ġenituri jew min jieħu ħsiebhom aktarx li jkunu involuti fi kwalunkwe deċiżjoni biex jitlaqqmu, b'mod speċjali għall-gruppi ta' età iżgħar [17]. Għalhekk, l-opinjoni u t-tħassib tal-ġenituri jkollhom rwol kritiku fi kwalunkwe sforz biex jiġi pprovdut tilqim kontra l-COVID-19 lil tfal u adolexxenti. Madankollu, huwa essenzjali li l-opinjoni u l-esperjenzi taż-żgħażaġh nfishom jiġu kkunsidrati wkoll, li l-awtonomija tagħhom tiġi rispettata, u li jiġu inklużi fid-diskussjonijiet dwar it-tilqim b'mod xieraq skont l-età [18].

Filwaqt li mhux popolazzjoni li tidher, b'mod ġenerali, bħala li għandha perċentwali baxxi ta' tilqim, il-ħaddiema fil-kura tas-saħħa madankollu jirrappreżentaw grupp ta' prijorità addizzjonali għat-tilqim kontra l-COVID-19 fil-pajjiżi madwar id-dinja, inklużi fl-UE/ŻEE. Dan huwa minħabba l-livelli għoljin ta' esponiment għall-COVID-19 u mard

infettuż ieħor li jiltaqgħu miegħu, u l-fatt li jistgħu faċilment ixerrdu l-virus fost il-pazjenti jew mal-kollegi. Barra minn hekk, il-fiduċja li n-nies għandhom fil-ħaddiema tal-kura tas-saħħa tagħtihom rwol ewlieni biex jinfluwenzaw il-perċezzjonijiet tal-pazjenti tagħhom kemm dwar il-vaċċin kif ukoll dwar il-marda assoċjata. Għalhekk jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq id-deċiżjonijiet tan-nies biex jitlaqqmu [19-21]. Peress li huwa magħruf li xi ħaddiema fil-kura tas-saħħa għandhom mistoqsijiet u tħassib dwar it-tilqimiet tal-COVID-19, [22,23], huwa importanti li wieħed jappoġġjahom u jagħtihom is-setgħa sabiex jaċċettaw u jirċievu t-tilqim kontra l-COVID-19. Dan se jkollu effett protettiv dirett fuqhom stess u fuq il-possibbiltà tat-trażmissjoni fl-ambjenti tal-kura tas-saħħa. Dan jista' jiffaċilita wkoll id-deċiżjonijiet tal-pazjenti tagħhom sabiex jitlaqqmu, b'hekk jiproteġu l-popolazzjoni akbar [24].

Dijanjożi tal-motivaturi u l-ostakli għall-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim

Filwaqt li l-pajjiżi kollha tal-UE/ŻEE jsegwu l-kopertura tal-vaċċini kontra l-COVID-19 fil-pajjiżi tagħhom, u xi wħud minnhom irrapportaw il-fiduċja fil-vaċċini kontra l-COVID-19, mhux kollha jfittxu li jidentifikaw ir-raġunijiet għal kopertura ta' tilqim aktar baxxa milli mixtieq fi gruppi differenti tal-popolazzjoni. Għalhekk l-istrateġiji jistgħu jkunu mmirati lejn il-kombinazzjoni ħażina ta' anteedenti tal-'5C', li jistgħu jfixxlu l-effikaċja tal-isforzi biex jiġi ffaċilitat it-teħid tat-tilqim, u jinħlew kemm ir-riżorsi finanzjarji kif ukoll ta' ħin f'sitwazzjoni ta' emerġenza. L-eteroġeneità li teżisti fl-intenzjonijiet u l-imġiba tat-tilqim, anki f'sottopopolazzjoni definita f'pajjiż partikolari, tisser ukoll li ma jistax ikun hemm approċċ "wieħed tajjeb għal kulħadd". L-istrateġiji jridu jkunu mmirati għal gruppi differenti skont il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.

Matul il-pandemija, xi pajjiżi tal-UE/ŻEE kisbu *data* trasversali fuq skala kbira dwar l-aċċettazzjoni tan-nies u l-aderenza għall-interventi mhux farmaċewtiċi tal-COVID-19, kif ukoll il-perċezzjonijiet, l-intenzjonijiet u l-imġiba rrapportata tagħhom relatata mat-tilqim. L-għodda l-aktar użata għall-ġbir ta' din id-*data* fil-livell tal-popolazzjoni fl-UE/ŻEE kienet l-għodda ta' sħarriġ dwar it-tagħrif dwar l-imġiba fuq il-COVID-19 magħmula disponibbli mill-Uffiċċju Reġjonali tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) għall-Ewropa. Din l-għodda ġiet adattata biex tintuża f'diversi pajjiżi sabiex jiġu segwiti l-imġiba u l-attitudnijiet lejn miżuri u politiki preventivi differenti [25-27]. Is-suġġetti koperti mill-għodda ta' sħarriġ tad-WHO żviluppaw hekk kif il-kundizzjonijiet inbidlu matul il-pandemija, u issa jinkludu mistoqsijiet dwar l-imġiba u l-intenzjonijiet tat-tilqim. Ġew żviluppatti wkoll linji gwida interim għat-twettiq ta' riċerka dijanjostika kwantitattiva u kwalitattiva dwar il-motivaturi komportamentali u soċjali tal-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim kontra l-COVID-19, mid-WHO u mill-UNICEF [28] iżda dawn għadhom mhumiex ivalidati formalment.

Hemm diversi strumenti ppubblikati oħra li jivvalutaw il-motivaturi tal-fiduċja u l-aċċettazzjoni tal-vaċċin. Dawn huma ġeneriċi u mhux speċifiċi għall-pandemija tal-COVID-19. Dawn jinkludu l-Indiċi ta' Kunfidenza fil-Vaċċini [29], l-Iskala ta' Aċċettazzjoni tal-Vaċċini [30], u l-Attitudnijiet tal-Ġenituri dwar l-Għoti tal-Vaċċini lit-Tfal [31]. Innota li dawn l-istrumenti għandhom it-tendenza li jiffokaw primarjament fuq il-fiduċja, u jieħdu kont inqas tal-erba' 'C's' l-oħra [9]. Għaldaqstant, dawn jistgħu ma jkunux effettivi daqs l-għodda ta' sħarriġ tad-WHO biex jipprovdu dijanjożi tal-imġiba u tal-intenzjonijiet tan-nies dwar il-COVID-19, u biex b'hekk jgħinu biex jiġu ddefiniti l-interventi l-aktar xierqa biex jiġi ffaċilitat it-teħid tat-tilqim. Għall-kuntrarju, l-għodda ta' sħarriġ tad-WHO tipprovdi metodu aċċessibbli, adattat faċilment, u fuq kolloxx komparabbli li jista' jitħaddem rapidament biex jiffaċilita d-disinn u l-implimentazzjoni tal-istrateġija abbażi ta' tagħrif dwar l-imġiba [32].

Id-dijanjożi ta' fatturi li jaffettwaw l-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim fil-Finlandja

L-Istitut Finlandiż għas-Saħħa u l-Benesseri (THL) wettaq verżjoni adattata tal-istudju ta' sħarriġ tad-WHO tliet darbiet fir-rebbiegħa tal-2020, darba fil-ħarifa tal-2020, u darba fir-rebbiegħa tal-2021. Madwar 1 000 persuna pparteċipaw f'kull rawnd ta' sħarriġ, magħżula sabiex ikun żgurat li kienu rappreżentattivi tal-popolazzjoni adulta fil-Finlandja fir-rigward tal-età, il-ġeneru u l-post ta' residenza. Mistoqsijiet dwar l-intenzjonijiet ta' tilqim ġew inklużi fir-rawnds preċedenti [1], u dwar l-imġiba attwali tat-tilqim fl-aħħar rawnd. Is-sejbiet intlaqgħu tajjeb minn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, u huma pprovdew bażi tajba għall-isforzi ta' komunikazzjoni tar-riskji tal-pajjiż u għall-istrateġija usa' ta' kontroll tal-COVID-19.

Madankollu, minħabba l-ispiża biex jitwettagħ l-istħarriġ tad-WHO kompletament waħdu, xi wħud mill-mistoqsijiet relatati mat-tilqim ġew sussegwentement inkorporati fl-istħarriġ nazzjonali u aktar ġenerali li għaddej dwar il-Polz taċ-Ċittadini, li jsir kull tliet ġimgħat jew erba' ġimgħat mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru fil-Finlandja. Dan naqqas b'mod sostanzjali l-ispejjeż u għamel l-istħarriġ aktar sostenibbli, filwaqt li jipprovdi wkoll l-opportunità li jiġu sorveljati l-livelli ta' aċċettazzjoni tal-vaċċini b'mod aktar regolari. Barra minn hekk, permezz tat-tqabbil tar-riżultati miż-żewġ sħarriġ differenti, kien possibbli li tiġi evalwata l-affidabilità u l-validità tad-*data* li ħarġet mill-istħarriġ tad-WHO bbażat fuq ix-xjenza. Madankollu, għandu jiġi nnotat li t-tilqim b'rata mgħaġġla u l-kundizzjonijiet li qegħdin jinbidlu tal-programm ta' tilqim COVID-19 għamluha neċessarja li jiġu adattati xi wħud mill-mistoqsijiet, li tagħmilha iebes biex isir tqabbil maż-żmien. Pereżempju, mistoqsija preċedenti li staqsiet 'Tieħu l-vaċċin jekk dan ikun disponibbli?' saret żejda, u dan jenfasisza l-ħtieġa li tinżamm ħarsa ġenerali tal-mistoqsijiet li huma rilevanti għall-kuntest tal-ġurnata.

Riżultat ewlieni wieħed ta' din il-ħidma dijanjostika kien li d-*data* wriet b'mod ċar kif il-fiduċja baxxa fil-vaċċini fil-Finlandja hija biss wieħed minn diversi fatturi li jinbixxu t-teħid — is-Cs l-oħra għandhom ukoll rwol sinifikanti. Dan ħaffef l-iżvilupp ta' messaġġ aktar xieraq li, imbagħad, xpruna d-dibattitu pubbliku milli jiffoka biss fuq fiduċja baxxa fil-vaċċin, u lejn diskussjonijiet aktar informati dwar kwistjonijiet oħra daqstant importanti (eż. kif jiġu organizzati s-servizzi ta' tilqim u kwistjonijiet relatati mal-kompjaċenza u l-perċezzjoni tar-riskji). Wassal ukoll għal teħid ta' deċiżjonijiet strateġiċi aħjar għall-programm ta' immunizzazzjoni, filwaqt li jappoġġja wkoll il-programm fil-livell tal-municipalitá billi jipprovdi informazzjoni dwar il-fatturi li jaffettwaw l-imġiba tat-tilqim tan-nies.

Ir-riċerka kwalitattiva għandha dejjem tiġi kkunsidrata bħala komponent importanti ta' kwalunkwe analiżi dijanjostika komprensiva tal-intenzjonijiet u l-imġiba tat-tilqim. Din tista' tipprovdi għarfien fi sfumaturi potenzjalment importanti, filwaqt li twieġeb ukoll il-mistoqsijiet dwar 'kif' u 'għaliex' li l-istħarriġiet użati b'mod komuni jaf ma jkunux jistgħu jifgħu dawl fuqhom [33]. B'żieda mal-komponent kwalitattiv tal-ġhodda tad-WHO/UNICEF imsemmija hawn fuq [28] għodda ta' riċerka kwalitattiva żviluppata mill-Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Ewropa ntużat f'seba' pajjiżi mal-ħaddiema tas-saħħa. Din l-għodda tesplora l-motivaturi u l-ostakli għat-tilqim kontra l-COVID-19 għall-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa, u l-ħidma tagħhom meta jirrakkomandaw it-tilqim lill-pazjenti. L-għodda tipprovdi approċċ rapidu għall-analiżi tad-*data* sabiex l-għarfien ikun jista' jinforma lill-interventi mfassla apposta għall-gruppi fil-mira fil-ħin, u issa komplet tintuża ma' gruppi oħrajn fil-mira għat-tilqim kontra l-COVID-19. Din l-għodda sejra tiġi ppubblikata dalwaqt u l-aċċess għall-għodda u l-appoġġ għall-iżviluppaturi jistgħu jiġu kkuntattjati fuq euvaccine@who.int.

Huwa probabbli li ħafna mill-pajjiżi tal-UE/ŻEE għandhom il-kapaċità li jwettqu dan it-tip ta' riċerka dijanjostika — kemm jekk kwantitattiva kif ukoll kwalitattiva — anke jekk dik il-kapaċità tista' ma tkunx disponibbli fi ħdan istituzzjonijiet nazzjonali tas-saħħa pubblika jew korpi oħra tal-istat. Ix-xjenzati soċjali bbażati fl-università ħafna drabi jkollhom l-għarfien tekniku biex jimplementaw xogħol bħal dan, kif ukoll jagħmlu xi organizzazzjonijiet tas-soċjetá ċivili li jkunu jistgħu jingaġġaw id-*data* operattiva tagħhom u l-feedback mingħand il-benefiċjarji tas-servizz. Fejn ir-riżorsi jkunu limitati fis-settur pubbliku, l-Istati Membri jistgħu jsibu ta' benefiċċju li jipplanaw u jidentifikaw l-għarfien espert fil-pajjiż, u imbagħad jagħmlu użu minnu billi jikkuntrattaw ir-riċerka. Minbarra li jipprovdi d-*data* dijanjostika rilevanti dwar l-imġiba u l-intenzjonijiet dwar il-vaċċini kontra l-COVID-19, dan l-approċċ jgħin sabiex tinbena komunitá ta' prattika soċjali u tax-xjenza tal-imġiba fil-pajjiż li tista' titqiegħed ukoll għal użu tajjeb għal investigazzjonijiet fi kwistjonijiet oħra tas-saħħa fil-futur. Eżempju ta' din il-kollaborazzjoni bħal din tista' tidher fid-Danimarka, fejn l-istudju dijanjostiku tal-pajjiż twettaq mill-Università ta' Copenhagen [27].

Strateġiji biex tiżdied l-aċċettazzjoni u t-teħid tal-vaċċini kontra l-COVID-19

Din it-taqsimha tippreżenta strateġiji li ġew implimentati f'pajjiżi differenti tal-UE/ŻEE, li jimmiraw kull wieħed mill-5Cs. Filwaqt li kull strateġija ppreżentata ġiet ikkategorizzata f' "C" speċifiku wieħed, ħafna strateġiji huma attwalment immirati lejn tnejn jew aktar mill-Cs fl-istess ħin. Pereżempju, approċċ ibbażat fil-komunitá li jiffoka fuq fiduċja dejjem akbar fil-programm ta' tilqim jista' jfittex ukoll biex jindirizza l-limitazzjonijiet ta' aċċessibilità.

Minħabba din il-duplikazzjoni, jista' jkun utli għall-qarrejja li jirrieżaminaw l-interventi kollha elenkati meta jkunu qegħdin ifittxu sabiex jidentifikaw strateġiji potenzjali għal popolazzjonijiet partikolari. Innota wkoll li l-istrateġiji ippreżentati għandhom jitqiesu bħala ispirazzjoni li tista' tiġi adattata għal sitwazzjonijiet differenti, aktar milli bħala approċċ preskritt li għandu jiġi segwit b'mod rigoruż.

L-istrateġiji ippreżentati hawnhekk ġew identifikati permezz ta' rieżami ta' sejbien li jinkludi firxa ta' materjali u sorsi, u dawn intgħażlu sabiex tiġi eżaminata d-diversità tal-popolazzjonijiet servuti u r-reġjuni ġeografiċi rappreżentati. L-inklużjoni ta' strateġija partikolari f'pajjiż partikolari m'għandhiex titqies bħala indikazzjoni li hija "aħjar" minn oħra implimentata f'pajjiż ieħor. Bl-istess mod, l-esklużjoni ta' strateġija partikolari f'ċertu pajjiż ma timplika bl-ebda mod li din kienet "inqas xierqa" minn waħda li ġiet inkluzja. Barra minn hekk, filwaqt li l-pajjiżi invarjabbilmment adottaw approċċi multidimensjonali biex jiffaċilitaw l-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim kontra l-COVID-19, aħna ninkludu hawn eżempji speċifiċi ta' inizjattivi, kampanji jew għodod maħsuba biex jenfasizzaw kif ġiet indirizzata 'C' partikolari, jew għall-popolazzjoni ġenerali jew għal sottopopolazzjoni. Dawn l-eżempji jipprovdu ħarsa ġenerali lejn xi elementi tal-inizjattivi usa' li qed jiġu implimentati fil-livell tal-pajjiżi.

Fiduċja: L-istrateġiji huma relatati mal-bini tal-fiduċja - fiduċja fis-sistema tas-saħħa li tipprovdi l-vaċċin, il-fiduċja f'dawk li jfasslu l-politiki u jiddeċiedu dwar il-vaċċini, u fiduċja fis-sigurtà u l-effikaċja tal-vaċċin innifsu [9].

Stat Membru	Min huwa fil-mira	Ostakolu fil-mira	Eżempju ta' intervent
Il-Belġju	Komunitajiet vulnerabbli u popolazzjoni ġenerali	Fiduċja fis-sistema tas-saħħa	Dan kien programm pilota li kien jinvolvi ħaddiema tas-saħħa tal-komunità li ngħataw il-kariga li jżidu l-għarfien tan-nies dwar is-sistema tal-kura tas-saħħa u l-fiduċja tagħhom fiha, biex jżied it-teħid tal-vaċċin kontra l-COVID-19 f'popolazzjonijiet soċjalment vulnerabbli fi Flanders [34]. Twettaq eżerċizzju tal-immappjar tal-komunità f'kull żona ta' kura primarja fir-reġjun, li matulu ġew identifikati partijiet interessati affidabbli għal kull komunità. It-tim ħadem ma' dawn il-membri tal-komunità f'dati, kif ukoll ma' assoċjazzjonijiet oħra tal-kura primarja, il-benesseri soċjali, u tal-pazjenti biex ifassal u jimplimenta strateġija ta' tilqim [35]. Il-membri tal-komunitajiet infushom infurmaw lill-pari tagħhom dwar il-vaċċini kontra l-COVID-19, servew ta' pont bejnhom u l-kura, u akkumpanjawhom għall-ewwel tilqima tagħhom, kif ukoll jagħmlu attivitajiet ta' segwitu wara t-tilqim [35,36]. Dawn it-timijiet immexxija mill-komunità u bbażati fil-komunità huma marbuta mad-dashboards tad- <i>data</i> reġjonali fuq kopertura, u għandhom ukoll aċċess għal <i>data</i> aggregata u anonimizzata ppreżentata mill-prattikanti ġenerali fir-reġjun dwar il-komorbidity. B'din l-informazzjoni, huma jistgħu jimmiraw lejn żoni b'kopertura ta' tilqim baxxa u b'riskju għoli [35].
L-Irlanda	Iż-żgħażaġh	Il-fiduċja fis-sikurezza tal-vaċċini u l-fiduċja fis-sistema tas-saħħa	SciComm hija inizjattiva li tuża network ta' koordinaturi tax-xjenza biex toħloq dialogu u twieġeb għall-mistoqsijiet u t-tħassib taż-żgħażaġh, bil-għan li titrawwem fiduċja u b'hekk iżjed it-teħid tal-vaċċini fost iż-żgħażaġh [37]. In-network inħoloq mid-Dipartiment tas-Saħħa, billi intbagħtet talba lil student gradwati li jaħdmu fix-xjenza tas-saħħa u l-komunikazzjoni tax-xjenza [37]. L-għan kien li jintlaħqu iż-żgħażaġh f'komunitajiet online fejn huma diġà attivi, u li dawn jiġu involuti f'qasam li minnu ħassew li huma esklużi [37,38]. In-network tal-koordinaturi tax-xjenza jiltaq' kull xahar ma' uffiċjali mid-Dipartiment tas-Saħħa biex iwieġeb il-mistoqsijiet tagħhom stess, u mbagħad jiddefinixxi messaġġi ta' kull ġimgħa bbażati fuq tħassib imressaq minn iż-żgħażaġh (kif identifikat mill-Ministeru tas-Saħħa permezz ta' gruppi fokus u kwestjonarji [38]), kif ukoll fuq l-iżviluppi xjentifiċi attwali. In-network ipoġġi b'mod attiv il-kontenut u jinteraġixxi fuq il-midja soċjali (Facebook, Instagram, Tik Tok), u b'hekk jinvolvi liż-żgħażaġh minn madwar il-pajjiż, jaqsam l-esperjenzi, iwieġeb mistoqsijiet, u jwieġeb għal miżinformazzjoni/diżinformazzjoni dwar it-tilqim kontra l-COVID-19 [39].

In-Netherlands	Professjonisti fil-kura tas-saħħa	Fiduċja fis-sikurezza tal-vaċċini	L-Istitut Nazżjonali Olandiż għas-Saħħa Pubblika u għall-Ambjent (RIVM) żviluppa modulu ta' taġġim elettroniku li jitqiegħed għad-dispożizzjoni pubblika għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa fin-Netherlands [40]. Dan jipprovdi taħriġ dwar l-iżvilupp tal-vaċċini, u informazzjoni dwar is-sigurtà u l-effikaċja tal-vaċċin. Dan jipprovdi wkoll djalogi u kitba dwar kif għandu jiġi diskuss it-tilqim kontra l-COVID-19 mal-pazjenti [41]. Bħalissa l-modulu jinsab fil-proċess li jiġi vvalidat għall-akkreditazzjoni.
Ir-Renju Unit (pajjiż mhux tal-UE/ŻEE)	Popolazzjoni ġenerali	Fiduċja fis-sikurezza u fl-effikaċja tal-vaċċin	L-Universitajiet ta' Nottingham, Southampton, u Kings College Londra issieħbu mal-Istitut Nazżjonali tar-Riċerka tas-Saħħa biex joħolqu chatbot biex jiddiskutu u joħolqu djalogu ma' individwi dwar it-tħassib tagħhom dwar it-tilqim kontra l-COVID-19 [42,43]. Iċ-chatbot tistaqsi diversi mistoqsijiet inizjali rigward it-tħassib tal-individwu u, abbażi tat-tweġibiet, tippreżenta evidenza xjentifika mingħajr ġudizzju [44]. Filwaqt li din iċ-chatbot twiegebb għal tħassib dwar it-tilqim billi tuża tweġibiet iprogrammati minn qabel, l-Università ta' Johns Hopkins u l-IBM nedew chatbot simili li tinteraġixxi mal-utenti bl-użu tal-intelliġenza artifiċjali. Din iċ-chatbot hija aktar flessibbli, u tippermetti lill-utenti sabiex idaħħlu test liberu, u tipprovdi tweġibiet għat-tħassib dwar il-vaċċini [45].

Limitazzjonijiet: L-istrateġiji mmirati lejn il-limitazzjonijiet ġeneralment jiffukaw fuq aċċessibilità dejjem akbar, il-kapaċità tan-nies li jifhemu l-informazzjoni (litteriżmu u lingwa tas-saħħa), l-attrawenza tas-servizzi tal-immunizzazzjoni, u l-indirizzar tal-ostakli pperċepiti jew reali għall-affordabbiltà.

Stat Membru	Min huwa fil-mira	Ostakolu fil-mira	Eżempju ta' intervent
In-Norveġja	Minoritajiet lingwistiċi	Diffikultajiet biex tiġi mifhuma l-informazzjoni dwar it-tilqim	L-informazzjoni dwar it-tilqim ġiet tradotta u hija disponibbli f'aktar minn 45 lingwa, u din tintuża fl-isforzi biex wieħed jinvolvi l-popolazzjonijiet vulnerabbli [46,47]. F'Oslo, "ambaxxaturi" li jittkellmu s-Somali mill-komunitajiet, identifikati mill-ħaddiema tas-saħħa f'kollaborazzjoni mal-komunitajiet stess, qed jaqsmu l-informazzjoni dwar il-COVID-19 bil-lingwa Somala [48]. Din il-ħidma saret flimkien ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, akkademiċi u l-Istitut Norveġiż għas-Saħħa Pubblika.
L-Italja	Migranti	Attrawenza tas-servizzi	F'ċerti reġjuni, ir-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni nbidlu sabiex in-nies li jkun qad jitleqqmu ma' jkollhomx bżonn ta' numru ta' saħħa, u hemm ukoll assigurazzjoni li d-data personali mhux se tiġi kondiviża ma' awtoritajiet li mhumiex tas-saħħa (eż. tal-pulizija jew immigrazzjoni) [49]. F'reġjuni oħrajn, pereżempju fit-Toskana, intużaw siti ta' tilqim għal individwi li ma għandhomx karta tas-saħħa bħala mezz sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal migranti mhux dokumentati [50]. Fir-reġjun ta' Sqallija, l-awtoritajiet nazżjonali tas-saħħa issieħbu ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għat-tilqim tal-migranti, u qed jużaw medjaturi kulturali biex jikkomunikaw dwar is-servizzi ta' tilqim [51].
Il-Ġermanja	Popolazzjoni ġenerali	Aċċessibilità fiżika	L-awtoritajiet implimentaw "Ġimġha ta' Tilqim" fuq livell nazżjonali f'Settembru li kkoincidiet ma' tmiem il-vaganzi tas-sajf u r-ritorn għall-iskola. L-intervent tal-Ġimġha ta' Tilqim, bl-użu tal-hashtag "#HierWirdGeimpft" ("it-tilqim qed iseħħ hawnhekk"), iffoka fuq kif il-vaċċinazzjoni ssir disponibbli faċilment f'żoni li jiġu aċċessati spiss (eż. postijiet ta' qima, klabbs taż-żgħażaġħ, klabbs sportivi, swieq) biex jiġi ffaċilitat l-aċċess opportunistiku għall-vaċċin, u b'hekk isaħħaħ il-kopertura qabel il-ħarifa [52].
Ċek	Popolazzjoni ġenerali	Aċċessibilità fiżika	Il-muniċipalitajiet reġjonali għandhom timijiet mobbli sabiex jilħqu individwi b'mobilità limitata, kif ukoll

Stat Membru	Min huwa fil-mira	Ostakolu fil-mira	Eżempju ta' intervent
			f'komunitajiet li għandhom diffikultajiet biex jilhqgħu ċ-ċentri ta' tilqim. Il-prattikanti ġenerali f'żoni ta' kopertura baxxa qed jikkollaboraw ukoll f'tentattivi għat-tilqim tal-pazjenti tagħhom billi joffru aktar aċċessibilità [47].
Spanja	Żgħażaġħ u studenti	L-aċċessibilità u l-limitazzjonijiet ta' ħin għaż-żgħażaġh li jistgħu jkunu aktar mobbli minħabba l-istudji.	Il- <i>Vacunabuses</i> (Xarabanks tat-tilqim) huma sħubija bejn l-awtorità tas-saħħa ta' Madrid u s-Salib l-Aħmar ta' Spanja. L-intervent jikkonsisti fi 18-il tim mobbli li jaħdmu madwar l-istituti pubbliċi u privati tal-edukazzjoni ogħla [53,54], miftuħin għat-tilqim "drop-in" sal-aħħar tal-ewwel xahar tal-iskola. L-għan huwa li tiżdied il-kopertura f'popolazzjonijiet ta' kopertura baxxa u li ma jkunx jiddependi mit-tilqim permezz ta' ċentri fil-postijiet ta' residenza primarja tal-istudenti [55].

Kompjaċenza: il-kompjaċenza hija relatata mar-riskju perċepit baxx tal-marda li jista' jimpedixxi l-motivazzjoni ta' individwu biex jitlaqqam [56]. Pereżempju, aktar kmieni fil-pandemija iż-żgħażaġh u t-tfal spiss ġew identifikati li huma f'riskju baxx ħafna tal-COVID-19 meta mqabbel mal-adulti ikbar fl-età. Għaldaqstant, l-istrateġiji li għandhom l-għan li jindirizzaw il-kompjaċenza jista' jkollhom bżonn jiffokaw fuq l-ispjegazzjoni tar-riskju tal-COVID-19 liż-żgħażaġh u jtejbju l-fehim tagħhom tal-importanza sottostanti tat-tilqim b'mod aktar ġenerali.

Stat Membru	Min huwa fil-mira	Ostakolu fil-mira	Eżempju ta' intervent
Il-Ġermanja	Popolazzjoni ġenerali	Fehim tar-riskju kontra l-benefiċċji tal-marda COVID-19 u t-tilqim.	L-Istitut Robert Koch ippubblika sett ta' kull ġimgħa ta' mistoqsijiet u tweġibiet, abbażi ta' mistoqsijiet u tħassib identifikati minn sħarriġ regolari relatat mal-COVID-19 (COVIMO) [26,57]. Il-mistoqsijiet u tweġibiet jużaw l-approċċ ta' komunikazzjoni tar-riskju u jenfasizzaw ir-riskju tal-COVID-19 u l-benefiċċji tal-vaċċin. Il-mistoqsijiet għal gruppi partikolarment vulnerabbli (eż. nisa tqal) jew gruppi ta' interess (eż. tfal) huma inklużi wkoll. It-tweġibiet fihom links għal aktar informazzjoni.
In-Netherlands	Ġenituri, tfal u żgħażaġh	Il-perċezzjoni tar-riskju ta' tfal/żgħażaġh dwar il-COVID-19, ir-riskju u s-sikurezza tat-tilqim.	Sar studju sabiex jiġu investigati l-motivaturi tal-eżitazzjoni dwar il-vaċċini kontra l-COVID-19 mill-ġenituri u t-tfal [58]. Abbażi tas-sejbiet tal-istudju, saret intervista online ma' pedjatra li huwa l-president tal-Assoċjazzjoni Pedjatrika Olandiża u li huwa involut fit-Tim ta' Ġestjoni tat-Tifqigħa tal-pajjiż. Huwa indirizza mistoqsijiet dwar ir-riskju tal-COVID-19, u l-benefiċċji tat-tilqim [59]. Ġew stabbiliti wkoll sħubijiet bejn l-istabbilimenti edukattivi, l-assoċjazzjonijiet edukattivi, u l-istituzzjonijiet tas-saħħa biex jipprovdu informazzjoni dwar ir-riskju tal-COVID-19 għaż-żgħażaġh u t-tfal, u l-benefiċċji tat-tilqim [47].
Il-Polonja	Popolazzjoni ġenerali	Perċezzjoni tar-riskju tal-COVID-19	Twaqqaf tim mill-Fond Nazzjonali tas-Saħħa biex iċempel lill-individwi li għadhom ma ġewx imlaqqma, kif identifikat permezz tar-rekords mediċi. L-individwi jiġu mistoqsija għalix ma tlaqqmux, u jiġu involuti f'diskussjoni, iffokata fuq ir-riskju kontra l-benefiċċji tat-tilqim. Isir sforz sabiex jiġu konvinti li t-tilqim huwa ta' benefiċċju għalihom, u mbagħad ikunu jistgħu joffru u jaċċettaw ir-reġistrazzjoni għat-tilqim [47].

Kalkoku: Il-kalkoku fil-mudell tal-5C jirreferi għall-analiżi tal-individwu tar-riskji u l-benefiċċji perċepiti tat-tilqim [9]. Għaldaqstant l-istrateġiji li jindirizzaw il-kalkolu għandhom l-għan li jipprovdu informazzjoni preċiża li tindirizza sorsi kritiċi tal-vaċċini, inklużi miżinformazzjoni u diżinformazzjoni, u jenfasizzaw ir-raġunament u l-importanza tat-tilqim.

Stat Membru	Min huwa fil-mira	Ostakolu fil-mira	Eżempju ta' intervent
L-Awstrija	Popolazzjoni ġenerali	Aċċess għal informazzjoni preċiża, id-diżattivazzjoni tal-miżinformazzjoni	Ġie stabbilit sit web li jipprovdi aġġornamenti dwar l-istrateġija ta' tilqim. Jinkludi links dwar fejn u kif għandek titlaqqam, b'informazzjoni ġenerali dwar il-COVID-19 u t-tilqim. Il-format jinkludi vidjos qosra, intervisti mal-ħaddiema fil-kura tas-saħħa (bħala sors fdat), serje msejħa "Busters tax-Xjenza", u serje msejħa "Is-Siegħa tal-Konsultazzjoni", li fiha l-esperti jiġu intervistati dwar it-tilqim [60]. Dawn ir-riżultati huma kollha mfassla għal tħassib partikolari identifikat f'komunitajiet differenti. [47]. Dawn ir-riżorsi huma disponibbli fuq is-sit web kif ukoll fuq YouTube. Paġna oħra telenka t-tobba li huma involuti fl-Inizjattiva tal-Awstrija Tivvaċina u li jistgħu jiġu kkuntattjati bil-mistoqsijiet [61]. Paġna web oħra tipprovdi informazzjoni reġjonali dwar fejn jistgħu jinstabu s-servizzi tat-tilqim.
Spanja	Popolazzjoni ġenerali	Kampanji tal-media tal-massa	Fi Spanja, intużaw diversi kampanji tal-media tal-massa biex ixerrdu informazzjoni dwar il-benefiċċji tat-tilqim kontra l-COVID-19, u dawn indirizzaw ukoll tħassib komuni. Kampanja waħda bħal din iffokat fuq l-ispjegazzjoni tas-sikurezza tal-vaċċini, u użat kelliema mill-Aġenzija Spanjola għall-Mediċini u l-Prodotti tas-Saħħa (AEMPS) [62] biex iħejju jew jtkellmu ma' individwi li setgħu ma ġewx imlaqqa minħabba informazzjoni li qed tiċċirkola dwar il-fatt li l-vaċċini kontra l-COVID-19 kienu żviluppaw malajr wisq. Kampanja oħra, #yomevacunaseguro, tippreżenta appelli personali minn żgħażaġħ, adulti akbar fl-età u xjenzati dwar għaliex huwa importanti li tiġi vaċċinat [63].
In-Netherlands	Popolazzjoni ġenerali	Id-diżattivazzjoni tal-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni	L-Istitut Nazzjonali għas-Saħħa Pubblika u l-Ambjent investa f'analiżi tal-Big Data biex jiġu identifikati l-mistoqsijiet l-aktar imfittxija b'mod frekwenti dwar it-tilqim u l-vaċċini u biex janalizza l-kontenut ta' siti web kritiċi tal-vaċċini. Huma jużaw dawn l-analiżijiet biex jipproduċu informazzjoni aċċessibbli u li faċli tinftiehem bil-għan li jiġġieldu kontra stqarrijiet ta' miżinformazzjoni li ġew ippubblikati online. It-tim ta' monitoraġġ iwieġeb ukoll direttament għal miżinformazzjoni dwar it-tilqim online, skont is-sors u l-ilħuq tagħha. Fl-aħħar nett, għandhom Grupp ta' Riflessjoni dwar il-Miżinformazzjoni, ikkoordinat mill-Ministeru tas-Saħħa, fejn l-esperti jivvolontarjaw li jxjenu l-miżinformazzjoni dwar il-vaċċini billi jużaw il-kontijiet tal-media soċjali personali tagħhom stess [64].

Responsabbiltà kollettiva: L-istrategġiji li jimmiraw ir-responsabbiltà kollettiva jistgħu jinvolvu kampanji ta' komunikazzjoni dwar it-tilqim kontra l-COVID-19 li jindirizzaw il-fatturi psikosoċjali assoċjati mal-intenzjoni li jiġu vaċċinati, bħat-tweemmin li t-tilqim personali se jipproteġi lil oħrajn (b'hekk jipromwovu sens ta' dmir morali), u li t-tilqim huwa l-mezz ewlieni għall-ftuħ mill-ġdid tas-soċjetà [65].

Il-Komunikazzjoni tal-benefiċċju soċjali tat-tilqim tista' twassal għal żieda fl-intenzjoni li jitlaqqmu. Madankollu, ir-riċerka dwar dan is-suġġett tenfasizza diversi fatturi li jista' jkollhom impatt fuq l-effettività ta' messaġġi bħal dawn: il-kuntasti kulturali u soċjali (f'xi soċjetajiet, it-tilqim diġà jittqies bħala responsabbiltà kollettiva); il-valuri prosoċjali ta' dawk li jirċievu l-messaġġ; il-formati u l-kanali ta' komunikazzjoni użati (eż. li jintwera kif taħdem il-protezzjoni komunitarja permezz ta' simulazzjoni interattiva tista' tkun aktar effettiva milli sempliċiment jintuża test qasir) u l-livell ta' eżitazzjoni fl-individwi [66]. Rigward l-aħħar punt, l-individwi b'eżitazzjoni b'saħħitha għandhom inqas probabbiltà li jaraw il-benefiċċju kollettiv tat-tilqim, u b'hekk jista' jkun aktar effettiv li jiġi enfasizzat il-benefiċċju personali għal dawn l-individwi [67].

Stat Membru	Min huwa fil-mira	Ostakolu fil-mira	Eżempju ta' intervent
L-Iżvezja	Popolazzjoni ġenerali	Messaġġi li jinkludu appelli għal responsabbiltà kollettiva.	Fil-bidu tal-organizzazzjoni tad-distribuzzjoni ta' vaċċini, il-kampanja ta' informazzjoni mill-awtorità tas-saħħa pubblika Żvediża, flimkien ma' organizzazzjonijiet oħra, kienet tinkludi messaġġi bbażati fuq il-prinċipju ta' "Ipproteġi lilek innifsek u lill-oħrajn" f'diversi mezzi tax-xandir. L-informazzjoni għet tradotta wkoll f'diversi lingwi [68]. Kampanja oħra, b'vidjos u posters tradotti f'diversi lingwi, kien fiha l-messaġġ "Flimkien lejn żminijiet aħjar" (eż. il-ferħ li terġa' tiltaqa' mal-ħbieb u mal-familja). Il-materjali kienu jinkludu wkoll vidjos qosra b'esperti dwar it-tilqim li jispjegaw l-importanza tat-tilqim bħala mezz ta' kontroll tat-tixrid tal-marda, ir-ritorn għall-ħajja normali, u li tispiċċa il-pandemija [69]. Għandu jiġi nnotat li r-responsabbiltà kollettiva ma kinitx l-istrategġija primarja adottata mill-awtoritajiet Żvediżi, iżda l-elementi tal-istrategġija kienu jinkludu dan is-"C" bħala punt fokali.

Strategġiji addizzjonali biex jiżdied it-teħid tal-vaċċin

F'ċerti pajjiżi, meta tipi oħrajn ta' interventi tqiesu insuffiċjenti biex tinkiseb kopertura għolja tal-vaċċin, ġew introdotti miżuri bbażati fuq inċentivi, rekwiżiti għal ċertifikati u mandati. Madankollu, huwa importanti li jiġi nnotat li għalkemm dawn l-inizjattivi jistgħu juru li huma effettivi bħala tqanqil ta' dawk li huma ambivalenti, jew kontra t-tilqim, huma f'fittxu li jiffurmaw l-imġiba, aktar milli jibdlu kif in-nies jaħsbu u jħossuhom dwar it-tilqim. Barra minn hekk, l-inċentivi jew is-sanzjonijiet jistgħu jimminimizzaw l-oportunitajiet biex jiġi mdewwem it-tilqim billi jsir meħtieġ biex individwu jkiseb ir-riżultat mixtieq (eż. aċċess għall-edukazzjoni, l-impjieg, id-divertiment jew l-ivvjaġġar) [70].

Abbażi ta' dan il-prinċipju, u abbażi tar-rikonoxximent mill-pandemija tal-COVID-19 li jista' jkun hemm komponenti addizzjonali biex jiġi żgurat li popolazzjoni tkun imlaqqma, dan l-aħħar "il-konformità" għet proposta bħala element addizzjonali għall-mudell tal-5C [71]. "Il-konformità" tirreferi għal politiki ta' tilqim li jmorru lil hinn mill-indirizzar tas-sentimenti tan-nies ta' responsabbiltà kollettiva u minflok tiffoka fuq il-monitoraġġ u s-sanzjonar soċjetali ta' dawk li mhumiex imlaqqma. Se tkun meħtieġa aktar riċerka sabiex jiġi vvalutat kif dawn l-inizjattivi kkontribwew għat-teħid tal-vaċċini matul il-pandemija tal-COVID-19.

Inċentivi: ir-riċerka tal-imġiba li saret fl-imġhoddi tissuġġerixxi li filwaqt li l-inċentivi jistgħu jagħtu prova tal-importanza tat-tilqim, jistgħu jagħtu wkoll sinjal li xi nies mhumiex qed jagħżlu li jitlaqqmu, li imbagħad jagħti messaġġ li t-tilqim mhuwiex imġiba normattiva. Barra minn hekk, rapport ta' sinjeżi tar-rieżamijiet tal-istrategġiji ta' inċentivi jindika diverġenza fir-rakkomandazzjonijiet, b'xi studji jiddikjaraw li l-approċċ huwa effettiv, filwaqt li oħrajn isostnu li l-evidenza għall-effikaċja mhijiex konklużiva. Madankollu, dan jista' jkun minħabba l-eteroġeneità tal-interventi u l-kwalità tal-istudji, kif ukoll il-fatt li jista' jkun diffiċli li jiġu aċċertati l-effetti tal-inċentivi meta dawn ikunu kkombinati ma' strategġiji oħrajn [70].

Riċerka li saret matul il-fażi introdutturja tad-distribuzzjoni tal-vaċċini kontra l-COVID-19 sfidat suġġerimenti inizjali li inċentivi ta' flus jistgħu jrawmu r-rieda sabiex jitlaqqmu. Din ir-riċerka wissiet li inizjalment, meta vaċċin ġdid isir disponibbli, il-punt fokali tal-kampanji għandu jkun fuq is-sensibilizzazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tas-sikurezza tal-vaċċini. Ladarba t-tħassib dwar is-sikurezza jtnaqqas, l-inċentivi monetarji jistgħu jkomplu jħeġġu t-teħid tal-vaċċin, iżda hemm bżonn ta' aktar riċerka dwar dan is-suġġett [72]. Provi kbar ikkontrollati b'mod irregolari li saru fl-Iżvezja bejn Mejju u Lulju 2021 urew li anke inċentivi monetarji modesti jistgħu jżidu l-perċentwali ta' tilqim kontra l-COVID-19 (b'4.2 punti perċentwali minn rata tal-linja bażi ta' 71.6 %), irrispettivament mill-isfond soċjedemografiku tal-parteċipanti. Dan l-istudju jenfasizza wkoll kwistjonijiet oħra: aspetti etiċi, varjazzjonijiet possibbli tal-effett skont ir-rati ta' tilqim f'pajjiż, min qed jagħti l-inċentiv (f'dan l-istudju

kien it-tim ta' riċerka), u r-riskju potenzjali ta' inċentivi li jxekklu r-rieda tan-nies milli jitlaqqmu fil-futur (eż. biex jieħdu l-boosters) mingħajr ma jitħallsu [73]. Studji oħrajn jenfasizzaw il-fatt li inċentivi finanzjarji biex "jitlaqqmu" jistgħu jidheru attraenti meta jiffokaw fuq gruppi b'rati persistentement baxxi ta' tilqim, li possibbilment jipproduċu żieda fuq perjodu ta' żmien qasir fit-tilqim, iżda mhumiex rimedju. Xorta jkunu meħtieġa strateġiji usa' u kumplikazzjoni b'mod trasparenti sabiex tinbena l-fiducia pubblika [74]. Inċentivi għal gruppi speċifiċi fil-mira, bħall-ħaddiema fil-kura tas-saħħa, għandhom jiġu ppjanati u żviluppjati f'kollaborazzjoni ma' rappreżentanti minn dawk il-gruppi [24].

Ittigiġiet għaċ-ċertifikati: diversi pajjiżi tal-UE/ŻEE implimentaw rekwiżiti biex tintwera prova tat-tilqim, permezz ta' ċertifikat, green- jew health pass, li jista' jinkludi wkoll prova ta' rkupru mill-COVID-19 u prova ta' riżultat tat-test negattiv. Persuna hija meħtieġa li jkollha dawn iċ-ċertifikati sabiex taċċessa ċerti postijiet, tiegħu sehem f'attivitajiet rikreattivi, kulturali jew attivitajiet professjonali speċifiċi, l-ivvjaġġar, jew l-aċċess għal postijiet tax-xogħol. Għall-finijiet ta' dan ir-rapport, qegħdin nisseparaw dan it-tip ta' rekwiżit minn "mandati tal-vaċċin" diskussi hawn taħt, għalkemm fil-letteratura, it-termini jistgħu jintużaw b'mod alternat. Barra minn hekk, billi tiffoka mhux biss fuq prova ta' tilqim iżda wkoll prova ta' rkupru jew riżultat ta' test negattiv, ċertifikati bħal dawn mhumiex speċifikament "jobbligaw" li wieħed jitlaqqam. Iċ-Ċertifikat COVID-19 Diġitali tal-UE huwa eżempju ta' rekwiżit li, f'dan il-każ, għandu l-għan li jiffaċilita l-moviment liberu fi ħdan l-UE [75].

Ir-riċerkaturi jwissu li l-impatt ta' "proposti tal-passaport" fuq l-intenzjonijiet ta' tilqim jista' jvarja skont dak li jkopru dawn iċ-ċertifikati (tilqim, test riċenti, antikorpi), liema tip ta' attivitajiet japplikaw għalihom (vjaġġar internazzjonali, aċċess għall-postijiet, impjieg), u meta jiġu introdotti (immedjatament jew wara li kulħadd ikun ingħata t-tilqim). Dan, imbagħad, sejjer ikollu impatt fuq il-perċezzjonijiet tan-nies dwar iċ-ċertifikati, fir-rigward tal-leġittimità, l-ekwità, u s-sensazzjoni ta' kompulsjoni [76]. Ir-riċerkaturi jindikaw li "l-passaporti tal-vaċċin" jistgħu jagħmlu lil dawk li diġà għandhom il-ħsieb li jitlaqqmu iktar pożittivi dwar l-intenzjoni tagħhom, iżda jista' jkollhom l-effett oppost fuq dawk li għandhom tħassib dwar il-vaċċin. Ir-rekwiżiti għaċ-ċertifikati pprovokaw oppożizzjoni minn xi atturi politiċi u ekonomiċi, kif muri fl-Ingilterra meta l-gvern mar lura mill-pjan tiegħu li jintroduċi "passaport tal-vaċċin" għal dawk li jixtiequ jkollhom aċċess għal *nightclubs* u avvenimenti ffullati, fost kritika dwar problemi relatati mal-implimentazzjoni u l-ispejjeż li jirriżultaw minnha [77]. Studju li sar fir-Renju Unit u l-Iżrael ikkonkluda li l-passaporti tal-vaċċin domestiċi jista' jkollhom effett detrimentali fuq l-awtonomija, il-motivazzjoni u r-rieda tan-nies biex jitlaqqmu, u li minflok, wieħed għandu jiffavorixxi l-messaġġi dwar l-awtonomija u r-rikorsi relatati, aktar milli l-pressjoni u l-kontroll [78]. Abbażi ta' studju li sar fir-Renju Unit, ir-riċerkaturi jindikaw l-effett potenzjalment polarizzanti tal-passaporti tal-vaċċin. Anki jekk ġeneralment ikunu appoġġjati fil-pajjiż, jista' jkun hemm varjazzjonijiet kbar fl-appell tal-passaporti tal-vaċċin għal gruppi speċifiċi tal-popolazzjoni (eż. żgħażaġh, minoritajiet etniċi, eċċ.), u dan jista' jkollu r-riskju li jżomm lura popolazzjonijiet speċifiċi u gruppi fuq bażi ġeografika milli jitlaqqmu [76]. Se tkun meħtieġa aktar riċerka dwar il-konsegwenzi potenzjali mhux mixtieqa ta' "passaporti tal-vaċċin" bħal dawn.

Rekwiżiti għat-tilqim/mandati. Anki jekk il-mandati jistgħu jkunu effettivi ħafna, ir-riċerkaturi jwissu li strateġiji oħrajn jistgħu jkunu biżżejjed jew aktar rakkomandati, skont ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' tilqim. Madankollu, f'xi gruppi speċifiċi fil-mira, bħall-ħaddiema fil-kura tas-saħħa, intwera li r-rekwiżiti jżidu l-kopertura tal-vaċċini [70]. Il-mandati jindikaw l-appoġġ għall-politika ta' immunizzazzjoni u għalhekk jistgħu jżidu r-riżorsi għall-infrastruttura tat-tilqim. Madankollu, jistgħu jkunu kontroproduktivi fi kwalunkwe popolazzjoni li ma tappoġġjax it-tilqim b'mod estensiv [79]. Fuq il-baży ta' esperjenzi preċedenti b'mandati tal-vaċċini (eż. fl-Istati Uniti) u l-isfidi li ppreżentat l-introduzzjoni tal-vaċċini ġodda kontra l-COVID-19, ir-riċerkaturi nnutaw qabel it-tneġġa tat-tilqim li mandati limitati b'appoġġ pubbliku, f'sitwazzjonijiet speċifiċi, jistgħu jkunu parti minn pakkett komprensiv ta' interventi [79]. Madankollu, il-mandati jeħtieġu qafas legali li jippermetti lill-awtoritajiet jirrestrinġu l-libertajiet personali għal raġunijiet tas-saħħa pubblika, u approvazzjonijiet fuq livell ta' politika. Bħala tali, dawn jistgħu jiġu sfidati wkoll fil-grati, jiġġeneraw dibattitu dwar il-ħelsien personali u, minkejja li jistgħu jinkoraġġixxu lil uħud minn dawk li joqogħdu lura sabiex jitlaqqmu, jistgħu jkattru wkoll ir-reżistenza [80,81]. Hemm bżonn ukoll ta' ponderazzjonijiet bir-reqqa tal-kunsiderazzjonijiet etiċi fir-rigward tal-mandati, kif enfasizzat mid-WHO [82].

Xi pajjiżi tal-UE/ŻEE implimentaw mandati għat-tilqim kontra l-COVID-19, pajjiżi oħrajn qegħdin jikkontemplaw din l-istrateġija, filwaqt li oħrajn jiffavorixxu approċċ volontarju għat-tilqim [47,83]. Bosta pajjiżi tal-UE/ŻEE implimentaw mandati tal-vaċċini fil-passat għal vaċċini u gruppi ta' popolazzjoni speċifiċi, b'mod partikolari tfal żgħar [84], biex jindirizzaw rati ta' tilqim dejjem jonqsu, l-eżitazzjoni dwar il-vaċċini u tifqigħat rikorrenti, għall-ħosba b'mod partikolari. Pereżempju, fl-2017, l-Italja nediet leġiżlazzjoni li estendiet lista ta' tilqim obligatorju għal trabi minn erba' għal għaxar vaċċini (eż. poljo, difterite, epatite B, ħosba, gattone, rubella, ġidri r-riħ, eċċ.). It-tilqim kien meħtieġ biex tifel/tifla jkollhom aċċess għall-iskejjel, u nuqqas ta' konformità jwassal għal multi monetarji. Rieżami tal-politika sab li l-kopertura tal-vaċċini kienet żdiedet għall-vaċċini kollha, għalkemm l-awturi għarfu li l-eżitazzjoni dwar il-vaċċini komplet tkun problema u li d-dibattitu politiku u soċjali dwar it-tilqim obligatorju kien għadu għadde [85].

Eżempji ta' inċentivi, ċertifikati u mandati

Stat Membru	Min	Ostakolu fil-mira	Deskrizzjoni tal-istrateġija
Il-Polonja	Popolazzjoni ġenerali/ muniċipalitajiet	Inċentivi biex jżied it-teħid	F'Lulju 2021, tnediet lotterija bi premijiet in natura u fi flus kontanti għal dawk li jitleqqmu [86]. Il-muniċipalitajiet ikkompetew sabiex jilhq u-ogħla rati ta' tilqim. L-ewwel 500 muniċipalità li rnexxielhom jlaqqmu 75 % tal-popolazzjoni tagħhom kienu se jirċievu premju ta' flus kontanti, u d-49 muniċipalità li laħqu l-ogħla rata ta' tilqim fir-reġjun rispettiv tagħhom jirċievu wkoll premju ta' flus kontanti [87].
Il-Belġju - ir-reġjun tal-kapitali ta' Brussell	Gruppi tal-popolazzjoni ġenerali u speċifiċi	Rekwiżiti/ċertifikati biex jżied it-teħid	Fil-Belġju, f'Awwissu ġie introdott il-Biljett Sikur mill-Covid (CST) sabiex persuna taċċessa avvenimenti li jinvolvu aktar minn 5 000 persuna. Minħabba rati aktar baxxi ta' tilqim fir-reġjun tal-kapitali ta' Brussell milli f'reġjuni oħrajn fil-pajjiż, saru pjanijiet biex il-biljett jiġi estiż fi Brussell għall-ħarifa sabiex jinkludi l-aċċess għal postijiet bħal ristoranti, bars, ċentri ta' attivitá fiżika, avvenimenti li jinvolvu aktar minn 50 persuna fuq ġewwa, u l-isptarijiet jew id-djar tal-kura. It-tul ta' żmien ta' din il-miżura jiddependi mis-sitwazzjoni epidemjoloġika. Il-biljett jikkonferma jekk il-persuna tkunx imlaqqma għalkollox, ikollhiex test tal-COVID-19 negattiv jew ikollha ċertifikat ta' rkupru. Dan ser jintalab minn kwalunkwe persuna ta' 16-il sena u aktar, iżda wkoll minn dawk ta' 12-il sena jekk dawn iżuru spatarijiet u djar tal-kura [88,89].
L-Italja	Gruppi professjonali (kura tas-saħħa)	Mandati	Fl-1 ta' April 2021, l-Italja approvat digriet li bih it-tilqim sar obligatorju għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa. Minkejja li inizjalment kien għażel ir-rakkomandazzjonijiet, l-Istat Taljan adotta s-sistema obligatorja biex jilħaq l-ogħla grad possibbli ta' tilqim fost il-professjonisti tas-saħħa, sabiex tiġi ggarantita s-sikurezza tat-trattament u l-protezzjoni tas-saħħa tal-pazjenti [90]. Dan kien l-ewwel pajjiż fl-Ewropa li jagħmel dan għal vaċċini kontra l-COVID-19. Il-mandat japplika għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa li jwettqu l-attivitajiet tagħhom fl-istrutturi tas-saħħa, soċjali jew tal-benesseri, fil-pubbliku jew fil-privat, u fl-ispiżeriji, fil-paraspiżeriji, u fl-uffiċċji professjonali. Dawk li jirrifjutaw li jieħdu l-vaċċin jew jiġu ttrasferiti għal dmirijiet li ma jkunux f'riskju li jinxtardu l-virus, jew jiġu sospiżi mingħajr ħlas għal massimu ta' sena. Id-digriet jipproteġi wkoll lit-tobba li jamministraw il-vaċċini mir-responsabbiltà kriminali, sakemm it-tilqima tkun ingħatat f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-Ministeru tas-Saħħa [91].

Evalwazzjoni ta' programmi li għandhom l-għan li jżidu l-aċċettazzjoni u t-teħid tal-vaċċini kontra l-COVID-19

Kwalunkwe intervent għas-saħħa pubblika għandu, jekk ikun possibbli, jiġi evalwat [92]. Idealment, l-evalwazzjonijiet isiru sabiex jiġi aċċertat jekk intervent ġiex implimentat b'mod aċċettabbli, kemm seta' kien effettiv (inkluż, fejn rilevanti, f'sottopopolazzjonijiet differenti), u wkoll jekk setax kellu xi impatt mhux mistenni jew negattiv [92]. Barra minn hekk, se jkunu meħtieġa evalwazzjonijiet biex jiġi stabbilit jekk il-flus pubbliċi humiex qegħdin jiġu investiti b'mod kosteffettiv [93], li huwa partikolarment importanti f'sitwazzjoni ta' kriżi, meta r-riżorsi jridu jkunu mmirati bir-reqqa.

Madankollu, it-tweġġ ta' evalwazzjonijiet ta' interventi ta' mgħiba jista' jkun metodoloġikament ta' sfida, peress li huwa diffiċli li tiġi stabbilita l-kawżalitá bejn intervent li, pereżempju, għandu l-għan li jżid it-teħid tat-tilqim kontra l-COVID-19, u t-teħid reali mill-membri tal-pubbliku. Dan minħabba li ħafna fatturi oħra mhux relatati jistgħu jaffettwaw ukoll ir-rati ta' tilqim, u mhuwiex faċli li wieħed jifred liema fatturi kellhom impatt. L-għodda epidemjoloġika ta' standard tad-deheb biex tkun aċċertata l-effettività tal-intervent — il-prova ikkontrollata b'mod

irregolari — hija loġistikament kumplessa u metodoloġikament impenjattiva, għalhekk mhuwiex probabbli li tkun vijabbli biex jiġu evalwati ħafna mill-interventi bil-għan li tiġi ffaċilitata l-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim. In-nuqqas ta' metodoloġija rigoruża u applikata faċilment biex taċċerta l-effettività ta' dawn l-interventi jfisser ukoll li jista' ma jkunx possibbli li jiġi stabbilit il-kosteffettività tagħhom. Minkejja dan, l-evalwazzjonijiet ta' qabel u ta' wara l-intervent jistgħu jintużaw sabiex ikun aċċertat jekk kienu hemm xi bidliet fit-teħid tat-tilqim f'żona speċifika matul il-perjodu ta' kwalunkwe intervent, u jista' jkun possibbli wkoll li jitqabbel it-teħid tat-tilqim f'żoni ġeografiċi differenti jew f'popolazzjonijiet speċifiċi fejn wieħed minnhom ikun ħa l-intervent u l-ieħor ma ħadux. Madankollu, għandha tingħata attenzjoni kbira f'dawn l-isforzi sabiex jiġi evitat li tiġi attribwita l-kawżalità bejn l-intervent u l-livelli ta' teħid, peress li wieħed ma jistax u m'għandux jassumi [9].

Minkejja dawn l-isfidi, xorta huwa possibbli li jsiru evalwazzjonijiet tajbin tal-interventi biex jiżded it-teħid tat-tilqim, għalkemm għar-raġunijiet li għadhom kif issemmw l-fokus primarju ta' dawn l-evalwazzjonijiet ġeneralment se jkunu ristrett għall-valutazzjoni tal-proċess, inklużi l-aċċettabilità tal-intervent u l-identifikazzjoni ta' konsegwenzi possibbilment mhux intenzjonati. Evalwazzjonijiet tal-proċess bħal dawn għandhom idealment jinkludu kemm *data* kwantitattiva kif ukoll kwalitattiva marbuta mal-proċess ta' implimentazzjoni. Id-*data* kwantitattiva tista' tkun ibbażata fuq dak li rriżulta permezz tal-intervent (eż. in-numru ta' avvenimenti ta' komunikazzjoni), u kif dan ġie rċevut mill-popolazzjoni fil-mira (eż. *data* miġbura permezz ta' stħarriġ online jew offline). Ir-riċerka kwalitattiva (fil-forma ta' intervisti semistrutturati, osservazzjonijiet, diskussjonijiet ta' gruppi fokali, u monitoraġġ online tal-media soċjali, eċċ.) tipprovi l-oportunità sabiex wieħed jifhem l- "għaliex" u l-"kif" ta' dak li ġara waqt l-implimentazzjoni [94]. Dan jista' jaġġmilha possibbli li wieħed jenfasizza kwistjonijiet li għadhom ma ġewx identifikati, inklużi konsegwenzi mhux intenzjonati, li jistgħu ma jkunux viżibbli fis-sejbiet minn *data* kwantitattiva. Fil-fatt sfumaturi importanti fi ħdan il-komunitajiet jistgħu mbagħad jiġu rikonossuti u indirizzati wkoll. L-evalwazzjonijiet tal-proċess għandhom idealment jiġbru *data* mill-perspettivi kemm tal-utenti tas-servizz (eż. dawk li għandhom ikunu qed jirċievu t-tilqim) kif ukoll il-fornituri tas-servizz (eż. dawk li jkunu qed jamministraw it-tilqim). Fejn ikun possibbli, l-evalwazzjonijiet għandhom jinvolvu wkoll organizzazzjonijiet u msieħba tal-komunità f'kollaborazzjoni sinifikanti bħala mezz biex jiġi żgurat li d-disinn tar-riċerka jkun rilevanti għall-ħtiġijiet tal-komunitajiet li huma l-fokus tar-riċerka [95].

L-Uffiċċju Reġjonali tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa għall-Ewropa żviluppa u bħalissa qiegħed jistudja qafas ta' evalwazzjoni għall-interventi fl-imġiba u dawk kulturali b'rabta mal-COVID-19, inklużi dawk li għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim. Filwaqt li jirrikonoxxi li l-interventi stess jistgħu jwasslu għal impatti pożittivi u negattivi mhux maħsuba, il-qafas ta' evalwazzjoni jinkludi enfasi fuq l-effetti usa' tal-intervent, inklużi l-benesseri, il-koeżjoni soċjali u l-fiduċja. Il-qafas u aktar informazzjoni jistgħu jinkisbu minn euinsights@who.int.

Tajjeb tkun taf li bosta fornituri tas-servizzi tas-saħħa għandhom kapaċità limitata biex iwettqu l-evalwazzjonijiet tagħhom stess. Għalhekk, huwa importanti li jkun hemm aspettattivi realistiki dwar il-limitu u l-fond ta' kwalunkwe xogħol bħal dan. Madankollu, jaf ikun possibbli wkoll għas-servizzi tas-saħħa li jikkollaboraw ma' universitajiet jew istituzzjonijiet oħra ta' riċerka li jista' jkollhom kemm il-kapaċità teknika kif ukoll ir-riżorsi umani biex iwettqu evalwazzjonijiet metodoloġikament aktar avvanzati, bl-użu ta' metodi innovattivi bħal evalwazzjoni realistika. Approċċi bħal dawn jistgħu jgħinu biex jinfirdu r-riżultati mistennija u dawk mhux mistennija li jirriżultaw minn intervent kumpless [96,97].

Evalwazzjoni tal-interventi biex tiżdied l-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim kontra l-COVID-19 fin-Netherlands

Sa Settembru 2021, in-Netherlands kisbu rati ta' tilqim ġenerali kontra l-COVID-19 ferm ogħla mill-medja tal-UE [2], iżda kien magħruf li jeżistu pakketti ta' persuni li ma kinux imlaqqma għalkollox, li ħafna minnhom kienu soċjalment vulnerabbli. Għalhekk saru sforzi akbar biex dawn il-popolazzjonijiet jitlaqqmu; u f'Ottubru 2021, l-Istitut Nazżjonali Olandiż għas-Saħħa Pubblika u għall-Ambjent (RIVM) nieda sħarriġ nazżjonali, li ntbagħat lis-servizzi tas-saħħa muniċipali madwar il-pajjiż, biex jippjana l-attivitajiet ta' promozzjoni tat-tilqim kontra l-COVID-19 implimentati għal dawn il-popolazzjonijiet li ma tlaqqmux biżżejjed. Il-mistoqsijiet fl-istħarriġ iffokaw fuq firxa ta' kwistjonijiet, inklużi l-popolazzjonijiet li kienu fil-mira, it-tipi ta' informazzjoni dwar it-tilqim ipprovduta lill-popolazzjonijiet differenti, il-kanal/i li permezz tagħhom ġiet trażmessa l-informazzjoni, appoġġ prattiku mogħti lin-nies fis-siti tat-tilqim, u meta (mhux jekk) l-interventi se jkunu evalwati. Minħabba l-ammont kbir ta' xogħol tas-servizzi tas-saħħa muniċipali, it-tim ta' RIVM ħadem biex isib bilanċ bejn il-ksib ta' *data* ta' kwalità għolja fuq il-kwistjonijiet ewlenin u — billi ma jinkludix wisq mistoqsijiet — jipprova jiżgura rata ta' rispons tajba.

Dan l-eżerċizzju tal-immappjar jammonta għal evalwazzjoni fuq livell nazżjonali ta' dak li ġie implimentat fuq livell lokali, fejn l-istennija hija li se jittwettqu evalwazzjonijiet oħrajn, aktar iffokati. It-tim ta' RIVM jirrapporta li l-kollegi li jimplimentaw l-interventi f'livell lokali ġeneralment għandhom fehim sew dwar il-kwistjonijiet u l-isfidi li qed jiffaċċjaw il-popolazzjonijiet differenti li qegħdin ifittxu li jlaqqmu, u huma adattaw l-interventi tagħhom kif xieraq. Barra minn hekk, l-evidenza li qed tintuża f'livell lokali biex tissimplifika l-interventi tagħhom hija rrapportata bħala "bbażata fuq il-prattika", fis-sens li l-kollegi jistgħu jaraw huma stess x'qed jaħdem fl-interazzjonijiet tagħhom mal-komunitajiet fil-mira, aktar milli permezz ta' evalwazzjonijiet formali.

L-RIVM ta bidu għal inizzjattiva nazżjonali li tappoġġja s-servizzi tas-saħħa muniċipali biex jaqsmu prattiki u ideat tajbin derivati lokalment, u dan wassal għal bosta skambji informali u l-adattament tal-interventi li tqiesu bħala ta' suċċess. Madankollu, filwaqt li din l-inizzjattiva tiffaċilita skambju tajjeb ta' esperjenza u ideat prattiċi bejn il-muniċipalitajiet dwar kif jistgħu jilħqu n-nies bit-tilqim kontra l-COVID-19, hemm ftit jew l-ebda evidenza dwar kemm kienu effettivi d-diversi interventi. Dan huwa minħabba nuqqas ta' evalwazzjoni jew monitoraġġ strutturali marbut mal-interventi. Madankollu, issa hemm pjanijiet biex dawn l-interventi jkunu marbutin ma' *data* dettaljata dwar it-teħid tat-tilqim, biex b'hekk jiġi pprovdut taġħrif f'assoċjazzjonijiet temporali bejn l-interventi u t-teħid — għalkemm bil-fehim li kwalunkwe assoċjazzjoni mhijiex neċessarjament kawżali.

Konklużjonijiet

Kif nidħlu fil-ħarifa u lejn ix-xitwa, hemm riskju reali ta' taġħbija għolja ta' każi ta' COVID-19 u ta' rati għoljin ta' mortalità f'popolazzjonijiet mhux imlaqqma madwar l-UE/ŻEE [98]. Għalhekk, l-iffaċilitar tal-aċċettazzjoni u t-teħid ta' servizzi ta' tilqim kontra l-COVID-19 huwa prijorità uргenti u immedjata. L-ġhodod u l-interventi ppreżentati f'dan ir-rapport jipprovdut lill-awtoritajiet b'materjali li jistgħu jiġu adattati u użati b'risposta għal din is-sejħa. Madankollu, il-kriżi li għaddejja toħloq ukoll opportunità għall-identifikazzjoni u l-istituzzjonalizzar ta' prattiki tajba għal programmi ta' tilqim, u biex jinxteħet dawl fuq il-lakuni fl-għarfien li jeħtieġu li jiġu eliminati. Permezz ta' dan, ser inkunu nistgħu nindirizzaw it-tifqigħat futuri ta' mard li jista' jiġi evitat bil-vaċċini b'mod aktar effettiv.

Żewġ oqsma ewlenin ta' prattika tajba jistgħu jiġu identifikati minn dak li ġie ppreżentat hawn fuq, u l-awtoritajiet nazżjonali jistgħu jkunu jridu jikkunsidraw it-tfittxija ta' metodi sabiex dawn jiġu organizzati fil-pjanijiet nazżjonali ta' tilqim tagħhom. L-ewwel nett, ġew adottati strateġiji ta' impenn tal-komunità relattivament fi ftit mill-interventi riveduti. Minħabba l-impatt wiesa' u rikonoxxut li dawn jista' jkollhom fuq il-bini ta' fiduċja fis-sistemi tas-saħħa, jista' jkun utli li wieħed jirrifletti fuq kif tali approċċi jistgħu jiġu sfruttati b'mod aktar wiesa' fi sforzi għad-dijanjożi, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-programmi ta' tilqim kontra l-COVID-19 [99]. It-tieni nett, l-isforzi mill-awtoritajiet nazżjonali f'ċerti pajjiżi biex jikkollaboraw mal-atturi tas-soċjetà lokali, reġjonali u tas-soċjetà ċivili għenu fid-dijanjożi tal-motivaturi tal-aċċettazzjoni u t-teħid baxxi tat-tilqim kontra l-COVID-19 f'popolazzjonijiet speċifiċi. Dawn għenu wkoll fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' strateġiji mmirati lejn dawn il-motivaturi. Filwaqt li l-isfidi biex tiġi attribwita l-effettività ta' dawn l-interventi huma rikonoxxuti, l-inizzjattivi biex jinqas l-esperjenzi u t-tagħlimiet jistgħu jiffaċilitaw il-proċessi ta' implimentazzjoni f'ambjenti oħrajn, u b'hekk potenzjalment jizjed l-impatt tagħhom [15].

Ġew identifikati wkoll żewġ lakuni sinifikanti fid-*data*. L-ewwel nett, ħafna drabi ma teżisti l-ebda *data* li tirrigwarda l-kopertura tal-vaċċini f'sottopopolazzjonijiet differenti, li jfisser li livelli baxxi ta' tilqim jew problemi oħra rigward it-teħid tal-vaċċini jistgħu jibqgħu inviżibbli għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, u għalhekk ma jiġux solvuti. Ġew deskritti strateġiji għall-ġbir tad-*data* dwar il-popolazzjonijiet tar-refuġjati u tal-migranti [100], u approċċi simili jistgħu jiġu kkunsidrati għal popolazzjonijiet oħra soċjalment vulnerabbli. It-tieni nett, hemm limitazzjonijiet fil-metodoloġiji attwalment disponibbli għall-evalwazzjoni tal-impatt tal-interventi biex tiġi ffaċilitata l-aċċettazzjoni u t-teħid ta' servizzi ta' tilqim. L-iżvilupp ta' metodoloġiji ġodda u innovattivi f'dan il-qasam minn xjenzati soċjali u tal-

imġiba jkun ta' benefiċċju kbir, speċjalment jekk jistgħu jiġu applikati f'ambjenti b'kapaċità finanzjarja u teknika modesta.

Esperti kontribwenti

- Esperti tal-ECDC (f'ordni alfabetika): John Kinsman, Gabrielle Schittecatte, Andrea Würz.
- Esperti esterni (f'ordni alfabetika): Marianna Baggio (Ċentru ta' Riċerka Konġunta, il-Kummissjoni Ewropea), Marijn de Bruin (Istitut Nazzjonali għas-Saħħa Pubblika u l-Ambjent (RIVM), in-Netherlands), Brett Craig (Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Ewropa), Katrine Bach Habersaat (Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Ewropa), Mattijs Lambooi (RIVM, in-Netherlands), Siff Nielsen (Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Ewropa), u Jonas Sivelä (L-Istitut Nazzjonali għas-Saħħa u l-Benesseri (THL), il-Finlandja).
- L-esperti esterni koll ippreżentaw dikjarazzjoni ta' interess u rieżami ta' dawn ma żvela l-ebda kunflitt ta' interess.

Referenzi

1. Hammer CC, Cristea V, Dub T, Sivelä J. High but slightly declining COVID-19 vaccine acceptance and reasons for vaccine acceptance, Finland April to December 2020. *Epidemiology and Infection*. 2021 May 11;149:e123.
2. European Centre for Disease Prevention and Control. Vaccine Tracker Stockholm: ECDC; 2021. Available at: <https://vaccinetracker.ecdc.europa.eu/public/extensions/COVID-19/vaccine-tracker.html#uptake-tab>
3. Furlong A. Romania suspends surgeries, asks EU for help as it battles coronavirus wave. *Politico*. 5 October 2021. Available at: <https://www.politico.eu/article/romania-surgeries-eu-coronavirus-help/>
4. Folkhalsomyndigheten (Sweden). Vaccinationstäckning per födelseland, inkomst och utbildningsgrad. 2021. Available at: <https://www.folkhalsomyndigheten.se/folkhalsorapportering-statistik/statistikdatabaser-och-visualisering/vaccinationsstatistik/statistik-for-vaccination-mot-covid-19/uppfoljning-av-vaccination/vaccinationstackning-i-undergrupper/>
5. 'Insufficient uptake of COVID-19 Vaccines – Challenges and Practices'. Brussels: EU Commission, 2021 [Presentation given at Health Security Council].
6. Speciale A. Bloomberg News. Draghi Says Italy Will Eventually Make Vaccine Compulsory. 2 September 2021. Available at: <https://www.bloomberg.com/news/articles/2021-09-02/draghi-says-italy-will-eventually-make-vaccine-compulsory>
7. Thomson A, Robinson K, Vallée-Tourangeau G. The 5As: A practical taxonomy for the determinants of vaccine uptake. *Vaccine*. 2016 Feb 17;34(8):1018-24.
8. Betsch C, Böhm R, Chapman GB. Using Behavioral Insights to Increase Vaccination Policy Effectiveness. *Policy Insights from the Behavioral and Brain Sciences*. 2015;2(1):61-73. Available at: <https://journals.sagepub.com/doi/abs/10.1177/2372732215600716>
9. Betsch C, Schmid P, Heinemeier D, Korn L, Holtmann C, Böhm R. Beyond confidence: Development of a measure assessing the 5C psychological antecedents of vaccination. *PLOS ONE*. 2018;13(12):e0208601. Available at: <https://doi.org/10.1371/journal.pone.0208601>
10. Larson HJ, Jarrett C, Eckersberger E, Smith DM, Paterson P. Understanding vaccine hesitancy around vaccines and vaccination from a global perspective: a systematic review of published literature, 2007-2012. *Vaccine*. 2014 Apr 17;32(19):2150-9.
11. SAGE Working Group on Vaccine Hesitancy. Report of the SAGE Working Group on Vaccine Hesitancy. Geneva: World Health Organization; 2014. Available at: https://www.who.int/immunization/sage/meetings/2014/october/1_Report_WORKING_GROUP_vaccine_hesitancy_final.pdf
12. Kata A. Anti-vaccine activists, Web 2.0, and the postmodern paradigm--an overview of tactics and tropes used online by the anti-vaccination movement. *Vaccine*. 2012 May 28;30(25):3778-89.
13. Siegler AJ, Luisi N, Hall EW, Bradley H, Sanchez T, Lopman BA, et al. Trajectory of COVID-19 Vaccine Hesitancy Over Time and Association of Initial Vaccine Hesitancy With Subsequent Vaccination. *JAMA Network Open*. 2021;4(9):e2126882-e. Available at: <https://doi.org/10.1001/jamanetworkopen.2021.26882>
14. Tankwanchi AS, Bowman B, Garrison M, Larson H, Wiysonge CS. Vaccine hesitancy in migrant communities: a rapid review of latest evidence. *Current Opinion in Immunology*. 2021 Aug;71:62-8.
15. European Centre for Disease Prevention and Control. Webinar: Initiatives to increase access to and uptake of COVID-19 vaccination in socially vulnerable populations. Stockholm: ECDC; 2021. Available at: <https://www.ecdc.europa.eu/en/news-events/webinar-initiatives-increase-access-and-uptake-covid-19-vaccination-socially-vulnerable>
16. European Centre for Disease Prevention and Control. Reducing COVID 19 transmission and strengthening vaccine uptake among migrant populations in the EU/EEA. Stockholm: ECDC; 2021. Available at: <https://www.ecdc.europa.eu/en/publications-data/covid-19-migrants-reducing-transmission-and-strengthening-vaccine-uptake>
17. McGuire K. Parental COVID-19 vaccine hesitancy may be next challenge for vaccination campaigns. *The Conversation*; 2021. Available at: <https://theconversation.com/parental-covid-19-vaccine-hesitancy-may-be-next-challenge-for-vaccination-campaigns-162742>
18. Morgan L, Schwartz JL, Sisti DA. COVID-19 Vaccination of Minors Without Parental Consent: Respecting Emerging Autonomy and Advancing Public Health. *JAMA Pediatrics*. 2021;175(10):995-6. Available at: <https://doi.org/10.1001/jamapediatrics.2021.1855>
19. Larson HJ, de Figueiredo A, Xiaohong Z, Schulz WS, Verger P, Johnston IG, et al. The State of Vaccine Confidence 2016: Global Insights Through a 67-Country Survey. *EBioMedicine*. 2016 Oct;12:295-301.
20. Holzmann-Littig C, Braunisch MC, Kranke P, Popp M, Seeber C, Fichtner F, et al. COVID-19 Vaccination Acceptance and Hesitancy among Healthcare Workers in Germany. *Vaccines*. 2021;9(7):777. Available at: <https://www.mdpi.com/2076-393X/9/7/777>
21. Loubet P, Nguyen C, Burnet E, Launay O. Influenza vaccination of pregnant women in Paris, France: Knowledge, attitudes and practices among midwives. *PLOS ONE*. 2019;14(4):e0215251. Available at: <https://doi.org/10.1371/journal.pone.0215251>

22. Biswas N, Mustapha T, Khubchandani J, Price JH. The Nature and Extent of COVID-19 Vaccination Hesitancy in Healthcare Workers. *Journal of Community Health*. 2021 Apr 20:1-8.
23. Gilboa M, Tal I, Levin EG, Segal S, Belkin A, Zilberman-Daniels T, et al. Coronavirus disease 2019 (COVID-19) vaccination uptake among healthcare workers. *Infection Control and Hospital Epidemiology*. 2021 Sep 23:1-6.
24. World Health Organization Regional Office for Europe. Health workers in focus: policies and practices for successful public response to COVID-19 vaccination: strategic considerations for member states in the WHO European Region. Copenhagen: WHO Regional Office for Europe, 2021. Available at: <https://www.euro.who.int/en/health-topics/health-emergencies/coronavirus-covid-19/publications-and-technical-guidance/2021/health-workers-in-focus-policies-and-practices-for-successful-public-response-to-covid-19-vaccination-strategic-considerations-for-member-states-in-the-who-european-region-2021-produced-by-whoeurope>
25. Rodríguez-Blázquez C, Romay-Barja M, Falcón M, Ayala A, Forjaz MJ. The COSMO-Spain Survey: Three First Rounds of the WHO Behavioral Insights Tool. *Frontiers in Public Health*. 2021 May-31;9(664) Available at: <https://www.frontiersin.org/article/10.3389/fpubh.2021.678926>
26. Robert Koch Institute, . COVID-19 Vaccination Rate Monitoring in Germany (COVIMO) - 6th report. Berlin: Robert Koch Institute, August 2021.
27. Copenhagen Centre for Social Data Science. COVID-19 Snapshot Monitoring in Denmark (COSMO Denmark). Copenhagen: University of Copenhagen; 2021. Available at: <https://sodas.ku.dk/projects/covid-19-projects/cosmo/>
28. World Health Organization. Data for action: achieving high uptake of COVID-19 vaccines. Geneva: WHO, 2021. Available from: <https://www.who.int/publications/i/item/WHO-2019-nCoV-vaccination-demand-planning-2021.1>
29. Frew PM, Murden R, Mehta CC, Chamberlain AT, Hinman AR, Nowak G, et al. Development of a US trust measure to assess and monitor parental confidence in the vaccine system. *Vaccine*. 2019 Jan 7;37(2):325-32.
30. Sarathchandra D, Navin MC, Largent MA, McCright AM. A survey instrument for measuring vaccine acceptance. *Prev Med*. 2018 2018/04//;109:1-7. Available at: <http://europepmc.org/abstract/MED/29337069>
31. Opel DJ, Taylor JA, Zhou C, Catz S, Myaing M, Mangione-Smith R. The relationship between parent attitudes about childhood vaccines survey scores and future child immunization status: a validation study. *JAMA Pediatrics*. 2013 Nov;167(11):1065-71.
32. Betsch C, Wieler LH, Habersaat K. Monitoring behavioural insights related to COVID-19. *Lancet (London, England)*. 2020 Apr 18;395(10232):1255-6.
33. Lohiniva AL, Sane J, Sibenberg K, Puumalainen T, Salminen M. Understanding coronavirus disease (COVID-19) risk perceptions among the public to enhance risk communication efforts: a practical approach for outbreaks, Finland, February 2020. *Eurosurveillance: bulletin Europeen sur les maladies transmissibles = European communicable disease bulletin*. 2020 April 2020;25(13)
34. Les Mutualités Libres. Un accompagnement personnalisé par les mutualités des publics fragilisés. 2021. Available at: <https://www.mloz.be/fr/communiqués/un-accompagnement-personnalisé-par-les-mutualités-des-publics-fragilises>
35. Boecx T, on behalf of Flanders Agency for Care and Health, Primary Care Team. COVID-19 & Primary Health Care. (Presentation at Gastein Conference.) [Personal communication 27 September 2021.]
36. Develtere L. Community health workers begrijpen waarom de weg naar de juiste zorg zo moeilijk is. *Sociaal.Net*; 2021. Available at: <https://sociaal.net/achtergrond/community-health-workers-begrijpen-waarom-de-weg-naar-de-juiste-zorg-zo-moeilijk-is/>
37. Government of Ireland. The SciComm Collective. Dublin: Department of Health; 2021. Available at: <https://www.gov.ie/en/campaigns/32187-sci-comm-collective/>
38. Mercurio K. How the Science Communication Collective is Battling Misinformation. *University Times*. 21 July 2021. Available at: <https://universitytimes.ie/2021/06/how-the-science-communication-collective-is-battling-misinformation/>
39. SciComm Collective. Do vaccines protect against long Covid? 2021. Available at: <https://www.instagram.com/p/CT9GW9iFog5/>
40. National Institute for Public Health and the Environment (RIVM). COVID-19 Vaccination for Professionals. RIVM; September 2021. Available at: <https://www.rivm.nl/en/covid-19-vaccination/professionals>
41. National Institute for Public Health and the Environment (RIVM). E-Learning for COVID-19 Vaccination. 2021. Available at: <https://www.rivm.nl/e-learning-covid-19-vaccinatie>
42. University of Nottingham. Experts create 'chatbot' to address people's concerns about COVID-19 vaccines. 2021. Available at: <https://www.nottingham.ac.uk/news/vaccine-hesitancy>
43. NIHR Applied Research Collaboration (ARC) Wessex. Experts create 'chatbot' to address people's concerns about COVID-19 vaccines. 2021. Available at: <https://www.arc-wx.nihr.ac.uk/news/experts-create-chatbot-to-address-people-s-concerns-about-covid-19-vaccines/>
44. National Institute for Health Research, University of Nottingham, University of Southampton, Kings College London. VaxFacts. 2021. Available at: <https://www.covidvaxfacts.info/chat#nosplash>
45. John Hopkins Bloomberg School of Public Health. Vira – The Chatbot. 2021. Available at: <https://vaxchat.org/>

46. Norwegian Institute of Public Health (Folkehelseinstituttet). Coronavirus immunisation programme. Oslo: Folkehelseinstituttet; 2021. Available at: <https://www.fhi.no/en/id/vaccines/coronavirus-immunisation-programme/>
47. Health Security Council. Country responses to questionnaire in the Health Security Committee. Brussels: EU Commission; 2021. Available at: https://ec.europa.eu/health/sites/default/files/preparedness_response/docs/ev_20210915_sr_en.pdf
48. Brekke JP. Informing hard-to-reach immigrant groups about COVID-19—Reaching the Somali population in Oslo. Journal of Refugee Studies. 2021 Available at: <https://doi.org/10.1093/jrs/feab053>
49. Picum. The COVID-19 Vaccines and undocumented Migrants in Italy. Brussels: Picum; 2021. Available at: <https://picum.org/covid-19-vaccines-undocumented-migrants-italy/>
50. ANSA. Italy's Tuscany region vaccinating migrants and homeless. Info Migrants; 2021. Available at: <https://www.infomigrants.net/en/post/34400/italys-tuscany-region-vaccinating-migrants-and-homeless>
51. ANSA. Southern Italy: Coronavirus vaccination campaign for undocumented migrants. 17 June 2021. Available at: <https://www.infomigrants.net/en/post/33001/southern-italy-coronavirus-vaccination-campaign-for-undocumented-migrants>
52. Tagesschau. Bundesweite Impfwoche startet. 13 September 2021. Available at: <https://www.tagesschau.de/inland/corona-impfaktionswoche-101.html>
53. Fernandez R. Estos son los horarios y campus de la vacunación a jóvenes en las universidades de Madrid. La Razon. 14 September 2021. Available at: <https://www.larazon.es/madrid/20210914/we6fkn4irbfj7cxorga4s6aj5u.html>
54. El Mundo. 'Vacunabuses' por los campus en busca de estudiantes por inmunizar. Madrid: El Mundo; 2021. Available at: <https://www.elmundo.es/madrid/2021/09/10/613a521ffdddfc6aa8b4644.html>
55. Comunidad de Madrid. Announcement on Plan to Vaccinate Students against COVID-19 in Universities Madrid: Comunidad de Madrid; 9 September 2021. Available at: <https://www.comunidad.madrid/notas-prensa/2021/09/09/diaz-ayuso-presenta-rectores-plan-vacunar-frente-covid-19-estudiantes-campus-universitarios>
56. Schwarzer R, Fuchs R. Self-Efficacy and Health Behaviours. In: Conner M, Norman P (eds). Predicting Health Behaviour: Research and Practice with Social Cognition Models. Buckingham: Open University Press; 1995. p. 163-96.
57. Robert Koch Institute (RKI). COVID-19 and Vaccination: Answers to Frequently Asked Questions (FAQ). Berlin: RKI; 2021. Available at: <https://www.rki.de/SharedDocs/FAQ/COVID-Impfen/gesamt.html>
58. National Institute for Public Health and the Environment (RIVM) - Corona Gedragsunit. Vaccinatiebereidheid bij jongeren. Bilthoven: RIVM; 2 July 2021. Available at: <https://www.rivm.nl/documenten/vaccinatiebereidheid-bij-jongeren>
59. National Institute for Public Health and the Environment (RIVM). Interview: 11 kritische vragen over tieners en coronavaccinatie aan kinderarts en OMT-lid Illy. 3 September 2021. Available at: <https://www.rijksoverheid.nl/documenten/publicaties/2021/09/03/interview-11-kritische-vragen-over-tieners-en-coronavaccinatie>
60. Oesterreich Impft. Videos. Gesundheitsministeriums (Austrian Ministry of Health); 2021. Available at: <https://www.oesterreich-impft.at/videos-uebersicht/>
61. Oesterreich Impft. Fragen Sie unsere Sprecher:innen (Ask Our Speakers). Gesundheitsministeriums (Austrian Ministry of Health); 2021. Available at: <https://www.oesterreich-impft.at/sprecherinnen/>
62. Ministerio de Sanidad. Vacunas Con Garantías. Madrid: Ministerio de Salud; 1 February 2021. Available at: <https://www.aemps.gob.es/la-aemps/campanas/campana-vacunascongarantiasseguridad-calidad-y-eficacia-de-las-vacunas-frente-a-la-covid-19/>
63. Ministerio de Salud, Gobierno de España. Yo Me Vacuna Seguro. 2021. Available at: <https://www.msbs.gob.es/campanas/campanas21/YoMeVacunoSeguro.htm>
64. European Centre for Disease Prevention and Control. Countering online vaccine misinformation in the EU/EEA. Stockholm: ECDC; 2021. Available at: <https://www.ecdc.europa.eu/en/publications-data/countering-online-vaccine-misinformation-eu-eea>
65. Sanders JG, Spruijt P, van Dijk M, Elberse J, Lambooy MS, Kroese FM, et al. Understanding a national increase in COVID-19 vaccination intention, the Netherlands, November 2020–March 2021. Eurosurveillance. 2021;26(36):2100792. Available at: <https://www.eurosurveillance.org/content/10.2807/1560-7917.ES.2021.26.36.2100792>
66. Böhm R, Betsch C. Prosocial vaccination. Current Opinion in Psychology. 2022/02/01/;43:307-11. Available at: <https://www.sciencedirect.com/science/article/pii/S2352250X21001433>
67. Freeman D, Loe BS, Yu LM, Freeman J, Chadwick A, Vaccari C, et al. Effects of different types of written vaccination information on COVID-19 vaccine hesitancy in the UK (OCEANS-III): a single-blind, parallel-group, randomised controlled trial. The Lancet Public Health. 2021 Jun;6(6):e416-e27.
68. Folkhälsomyndigheten (Sweden). Vaccination mot Covid-19: 'Skydda dig själv och andra'. 11 February 2021. Available at: <https://www.folkhalsomyndigheten.se/nyheter-och-press/nyhetsarkiv/2021/februari/vaccination-mot-covid-19-skydda-dig-sjalv-och-andra/>

69. Folkhälsomyndigheten (Sweden). Ladda ned filmer och annonsmaterial om vaccination mot COVID-19. 2021. Available at: <https://www.folkhalsomyndigheten.se/smittskydd-beredskap/utbrott/aktuella-utbrott/covid-19/vaccination-mot-covid-19/kampanjmaterial/#ljusare>
70. Brewer NT, Chapman GB, Rothman AJ, Leask J, Kempe A. Increasing Vaccination: Putting Psychological Science Into Action. *Psychological Science in the Public Interest: a journal of the American Psychological Society*. 2017 Dec;18(3):149-207.
71. Geiger M, Rees F, Lilleholt L, Santana AP, Zettler I, Wilhelm O, et al. Measuring the 7Cs of Vaccination Readiness. *European Journal of Psychological Assessment*. 0(0):1-9. Available at: <https://econtent.hogrefe.com/doi/abs/10.1027/1015-5759/a000663>
72. Sprengholz P, Eitze S, Felgendreff L, Korn L, Betsch C. Money is not everything: experimental evidence that payments do not increase willingness to be vaccinated against COVID-19. *Journal of Medical Ethics*. 2021 Aug;47(8):547-8.
73. Campos-Mercade P, Meier AN, Schneider FH, Meier S, Pope D, Wengström E. Monetary incentives increase COVID-19 vaccinations. *Science*. 2021:1-4. Available at: <https://www.science.org/doi/abs/10.1126/science.abm0475>
74. Volpp KG, Cannuscio CC. Incentives for Immunity - Strategies for Increasing Covid-19 Vaccine Uptake. *The New England Journal of Medicine*. 2021 Jul 1;385(1):e1.
75. European Commission. EU Digital COVID Certificate. 2021. Available at: https://ec.europa.eu/info/live-work-travel-eu/coronavirus-response/safe-covid-19-vaccines-europeans/eu-digital-covid-certificate_en
76. de Figueiredo A, Larson HJ, Reicher SD. The potential impact of vaccine passports on inclination to accept COVID-19 vaccinations in the United Kingdom: Evidence from a large cross-sectional survey and modeling study. *EClinicalMedicine*. 2021/09/09/:101109. Available at: <https://www.sciencedirect.com/science/article/pii/S2589537021003898>
77. BBC News. 'England vaccine passport plans ditched, Sajid Javid says'. Available at: <https://www.bbc.com/news/uk-58535258>
78. Porat T, Burnell R, Calvo RA, Ford E, Paudyal P, Baxter WL, et al. "Vaccine Passports" May Backfire: Findings from a Cross-Sectional Study in the UK and Israel on Willingness to Get Vaccinated against COVID-19. *Vaccines*. 2021;9(8):902. Available at: <https://www.mdpi.com/2076-393X/9/8/902>
79. Gostin LO, Salmon DA, Larson HJ. Mandating COVID-19 Vaccines. *JAMA*. 2021;325(6):532-3. Available at: <https://doi.org/10.1001/jama.2020.26553>
80. New York Times. Biden's bet on vaccine mandates. 17 September 2021. Available at: <https://www.nytimes.com/2021/09/13/podcasts/the-daily/joe-biden-vaccine-mandates-coronavirus.html>
81. Acast. (The Intelligence from The Economist.) Getting their vax up: America's vaccine mandates. *The Economist*; 13 September 2021. Available at: <https://play.acast.com/s/theintelligencepodcast/gettingtheirvaxup-america-svaccinemandates>
82. World Health Organization. COVID-19 and mandatory vaccination: Ethical considerations and caveats. Policy brief. Geneva: WHO; 2021. Available at: <https://www.who.int/publications/i/item/WHO-2019-nCoV-Policy-brief-Mandatory-vaccination-2021.1>
83. European Centre for Disease Prevention and Control. Overview of the implementation of COVID-19 vaccination strategies and vaccine deployment plans in the EU/EEA – 23 September 2021. Stockholm: ECDC; 2021. Available at: <https://www.ecdc.europa.eu/sites/default/files/documents/Overview-of-the-implementation-of-COVID-19-vaccination-strategies-and-deployment-plans-23-Sep-2021.pdf>
84. Asociación Española de Pediatría. La vacunación obligatoria en Europa. *Asociación Española de Pediatría*; 20 August 2018. Available at: <https://vacunasaep.org/profesionales/noticias/vacunas-obligatorias-europa>
85. D'Ancona F, D'Amario C, Maraglino F, Rezza G, Iannazzo S. The law on compulsory vaccination in Italy: an update 2 years after the introduction. *Eurosurveillance*. 2019;24(26):1900371. Available at: <https://www.eurosurveillance.org/content/10.2807/1560-7917.ES.2019.24.26.1900371>
86. Polish Press Agency. Poland launches lottery to promote COVID-19 vaccinations. 2021. Available at: <https://www.pap.pl/en/news/news%2C902316%2Cpoland-launches-lottery-promote-covid-19-vaccinations.html>
87. Wolska A. Polish municipalities incentivised to vaccinate people in race to 75%. *Euractiv*. 27 May 2021. Available at: https://www.euractiv.com/section/politics/short_news/polish-municipalities-incentivised-to-vaccinate-people-in-race-to-75/
88. Vervoort. R. Covid Safe Ticket: Covid Safe Ticket: approbation en première lecture de l'ordonnance de mise en œuvre de l'utilisation du CST en Région bruxelloise. Brussels: Bureau de Ministre-Président du Gouvernement de la Région de Bruxelles-Capitale; 2021. [Press release]. Available at: https://rudivervoort.brussels/news/_covid-safe-ticket-approbation-en-premiere-lecture-de-lordonnance-de-mise-en-oeuvre-de-lutilisation-du-cst-en-region-bruxelloise/
89. Kuczynski E. Quelles sont les différences entre le pass sanitaire européen et le Covid Safe Ticket? *L'Echo*; 24 September 2021. Available at: <https://www.lecho.be/dossiers/coronavirus/quelles-sont-les-differences-entre-le-pass-sanitaire-europeen-et-le-covid-safe-ticket/10305449.html>
90. Frati P, La Russa R, Di Fazio N, Del Fante Z, Delogu G, Fineschi V. Compulsory Vaccination for Healthcare Workers in Italy for the Prevention of SARS-CoV-2 Infection. *Vaccines*. 2021;9(9):966. Available at: <https://www.mdpi.com/2076-393X/9/9/966>

91. Paterlini M. COVID-19: Italy makes vaccination mandatory for healthcare workers. BMJ. 2021;373:n905. Available at: <https://www.bmj.com/content/bmj/373/bmj.n905.full.pdf>
92. Ovreteit J. Evaluating Health Interventions. 1998 Available at: <http://www.myilibrary.com?id=113095>
93. European Centre for Disease Prevention and Control. A literature review on health communication campaign evaluation with regard to the prevention and control of communicable diseases in Europe. Stockholm: ECDC; 2014. Available at: <https://www.ecdc.europa.eu/sites/default/files/media/en/publications/Publications/Campaign-evaluation.pdf>
94. Family Health International, Mack Natasha, Woodsong Cynthia, United States Agency for International Development. Qualitative research methods : a data collector's field guide. North Carolina: FLI USAID; 2005.
95. S. Treweek, On behalf of Collaboration for Change. Promoting vaccine uptake. [Personal communication] 17 September 2021.
96. Van Belle S, Rifkin S, Marchal B. The challenge of complexity in evaluating health policies and programs: the case of women's participatory groups to improve antenatal outcomes. BMC Health Services Research. 2017 2017/09/29;17(1):687. Available at: <https://doi.org/10.1186/s12913-017-2627-z>
97. Pawson R, Tilley N. Realist Evaluations. Los Angeles: SAGE Publications Ltd.; 1997.
98. European Centre for Disease Prevention and Control. Rapid Risk Assessment: Assessing SARS-CoV-2 circulation, variants of concern, non-pharmaceutical interventions and vaccine rollout in the EU/EEA, 16th update. Stockholm: ECDC; 2021. Available at: <https://www.ecdc.europa.eu/en/publications-data/rapid-risk-assessment-assessing-sars-cov-2-circulation-variants-concern>
99. European Centre for Disease Prevention and Control. Community engagement for public health events caused by communicable disease threats in the EU/EEA. Stockholm: ECDC; 2020. Available at: <https://www.ecdc.europa.eu/sites/default/files/documents/community-engagement-guidance.pdf>
100. World Health Organization. Collection and integration of data on refugee and migrant health in the WHO European Region - Technical guidance. Copenhagen: WHO Regional Office for Europe; 2020. Available at: www.euro.who.int/en/publications/abstracts/collection-and-integration-of-data-on-refugee-and-migrant-health-in-the-who-european-region-2020

Anness 1. Għodod u gwidi għall-appoġġ ta' strateġiji għall-faċilitar tal-aċċettazzjoni u t-teħid tat-tilqim kontra COVID-19

Sabiex ikompli jiġu appoġġati l-pajjiżi tal-UE/ŻEE fl-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' strateġiji biex tiżdied l-aċċettazzjoni u t-teħid tal-vaċċini kontra l-COVID-19, hawn taħt hija pprovduta lista ta' materjali utli ta' referenza.

Aċċettazzjoni u talba

- Sett ta' għodod għall-ġenerazzjoni ta' aċċettazzjoni u domanda għal vaċċini kontra l-COVID-19 (Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Ewropa). Jinkludi gwida interim dwar aċċettazzjoni u domanda, mudell ta' pjan ta' komunikazzjoni, gwidi għat-tfassil, l-immirar u l-evalwazzjoni tal-interventi, gwida għall-involvement tal-komunità u gwida dwar il-ġestjoni ta' miżinformazzjoni: [Il-ħolqien ta' aċċettazzjoni u domanda għal vaċċini kontra l-COVID-19](#)
- Gwida għall-komunikazzjoni dwar is-sigurtà tal-vaċċini kontra l-COVID-19 (WHO): [Manwal għas-Sorveljanza tas-Sigurtà - Komunikazzjoni dwar is-Sikurezza tal-Vaċċini kontra l-COVID-19.](#)
- Set ta' riżorsi taċ-Ċentri tal-Istati Uniti għall-Kontroll u l-Prevenzjoni tal-Mard dwar it-tisħiħ tal-fiduċja fil-vaċċini kontra l-COVID-19, inklużi strateġiji, għodod ta' valutazzjoni tal-komunità, gwida dwar it-tfassil tal-informazzjoni, eċċ: [Laqqam b'Kunfidenza.](#)
- [Gwida mill-Grupp ta' Konsulenza Teknika \(TAG\) tad-WHO dwar it-Tagħrif u x-Xjenzi tal-Imġiba għas-Saħħa dwar il-motivaturi biex jiġi ffaċilitat it-teħid tat-tilqim kontra l-COVID-19](#)
- [Materjal ta' taħriġ](#) sabiex jgħin lill-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa fil-komunikazzjoni interpersonali waqt il-konsultazzjoni dwar it-tilqim kontra l-COVID-19 ([l-Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Ewropa](#))
- [Komunikazzjoni mal-ħaddiema tas-saħħa dwar il-vaċċini kontra l-COVID-19](#) ([l-Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Ewropa](#)).

Tagħrif dwar l-imġiba

- Farsa ġenerali komprensiva tal-evidenza tax-xjenza tal-imġiba u l-parir dwar it-teħid tal-vaċċini kontra l-COVID-19: [Il-Handbook & Wiki dwar il-Komunikazzjoni dwar il-Vaċċini kontra l-COVID-19](#)
- *Data* għall-ażżjoni: il-ksib ta' teħid għoli tal-vaċċini kontra l-COVID-19, [gwida komprensiva](#) għall-ġbir, l-analiżi u l-interpretazzjoni ta' *data* kwalitattiva u kwantitattiva dwar l-aċċettazzjoni tal-vaċċini kontra l-COVID-19: [Id-WHO u l-UNICEF.](#)
- Għodda ta' sħarriġ u gwida dwar tagħrif dwar l-imġiba b'rabta mal-COVID-19 (Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Ewropa): [Għodda ta' Sħarriġ u Gwida.](#)
- It-Tfassil tal-Programmi ta' Immunizzazzjoni - gwida għall-esplorazzjoni u l-indirizzar tal-ostakli għat-teħid baxx ta' tilqim (l-Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Ewropa): [Gwida tat-TIP.](#)

L-indirizzar tal-miżinformazzjoni

- Studju tal-ECDC li jesplora l-istat ta' miżinformazzjoni dwar il-vaċċini f'għażla ta' pajjiżi tal-UE u jiddeskrivi strateġiji biex tiġi indirizzata l-miżinformazzjoni dwar il-vaċċini online: [Il-Ġlieda kontra l-miżinformazzjoni dwar il-vaċċini online fl-UE/ŻEE](#)
- Handbook li jiġbor fil-qosor l-istat attwali tax-xjenza ta' miżinformazzjoni u d-diżattivazzjoni tagħha, inkluż dwar it-tilqim u disponibbli f'diversi lingwi (L-Università George Mason - Iċ-Ċentru għall-Komunikazzjoni dwar il-Bidla fil-Klima): [Il-Handbook tad-Diżattivazzjoni 2020](#)
- Gwida biex tiġi indirizzata l-infodemija globali u t-trawwim ta' domanda għal immunizzazzjoni, disponibbli f'diversi lingwi (UNICEF): [Gwida dwar il-Ġestjoni tal-Miżinformazzjoni dwar il-Vaċċin.](#)

Informazzjoni ġenerali dwar it-tilqim

- Il-Portal Ewropew dwar l-Infommazzjoni dwar it-Tilqim (EVIP) huwa inizjattiva tal-Unjoni Ewropea u jipprovdi informazzjoni dwar il-vaċċini u t-tilqim fil-lingwi kollha tal-UE/ŻEE. Dan ġie żviluppat mill-ECDC flimkien mal-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA): [vaccination-info.eu](#)
- Il-vaċċini kontra l-COVID-19 u t-tilqim spjegati: [vidjows u podcast għall-ħaddiema tas-saħħa u għall-pubbliku](#) li jindirizzaw mistoqsijiet komuni dwar il-vaċċini kontra l-COVID-19 (Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Ewropa).

Riżorsi għal evalwazzjoni

- Better Evaluation hija organizzazzjoni globali mingħajr skop ta' profitt li tgħaqqad flimkien l-għarfien u l-prattiki dwar it-twettiq ta' valutazzjonijiet ta' kwalità minn fost is-setturi. Is-sit tagħhom jinkludi bażi ta' għarfien biex jappoġġa individwi u organizzazzjonijiet li jwettqu diversi tipi ta' evalwazzjonijiet <https://www.betterevaluation.org/>.